MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 20/2003

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

1. **Anatole Baldacchino bhala stralcarju ghan-nom u in rapprezentanza ta' All Industrial Company Limited u b' digriet tat-18 ta' Gunju 2008 Dr Richard Sladden u l-PL Luisa Tufigno gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lil All Industrial Company Limited.**
2. **Patrick Delia**
3. **Sebastian Dalli**

4. **Vincenzo Faniello u b' digriet tal-24 ta' Marzu 2004 Dr Tonio Azzopardi u l-PL Victor Bugeja gew nominati kuraturi biex jirrapprezentaw lil Vincenzo Faniello li jinsab assenti minn dawn l-gzejjer, u b' nota tad-9 ta' Gunju 2004 Fabrizio Faniello assuma l-atti in rapprezentanza tal-assenti missieru Vincenzo Faniello, u b' digriet tat-8 ta' Novembru 2010 il-Qorti filwaqt li nnominat formalment lil Fabrizio Faniello bhala kuratur ta' Vincenzo Faniellllo, ordnat l-estromessjoni tal-kuraturi u b' digriet tat-8 Novembru 2010 Anna Faniello giet awtorizzata tintervjeni fil-kawza, u b' digriet tal-25 ta' Lulju 2013 gew konfermati Dr Tonio Azzopardi u l-PL Victor Bugeja bhala kuraturi biex jirrapprezentaw lil Vincenzo Faniello.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici datata 8 ta' Jannar 2003 ipprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta, fejn esponiet: -

Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt datat 7 ta' Jannar 2000, fl-atti tan-Nutar Dottor John Patrick Hayman (Dok "A"), is-socjeta'

attrici kkoncediet "Loan Facilities" lis-socjeta' konvenuta All Industrial Company Limited;

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tas-socjeta' konvenuta All Industrial Company Limited fis-somma ta' tmienja u tletin elf, seba' mija u seba' Liri Maltin u hdax-il centezmu (Lm38,707.11) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" tas-socjeta' All Industrial Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "B1 sa B4", u “C1 sa C2") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 2002 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Illi premess illi permezz tal-kuntratt fuq imsemmi u cioe` dak datat 7 ta' Jannar 2000, fl-atti tan-Nutar Dottor John Patrick Hayman (Dok" "A"), kif ukoll permezz ta' zewg skritturi privati datati 8 ta' Novembru 1999 u 5 ta' Gunju 1999 (Dok “D" u Dok "E"), il-konvenut Patrick Delia ggarantixxa flimkien u “in solidum" mas-socjeta' All Industrial Company Limited a favur tal-Bank of Valetta p.l.c. id-debiti ta' l-istess socjeta' All Industrial Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.

Illi permezz ta' skrittura privata datata 21 ta' Mejju 1999 (Dok "F"), il-konvenut Sebastian Dalli ggarantixxa flimkien u "in solidum" mas-socjeta' All Industrial Company Limited a favur tal-Bank of Valetta p.l.c. id-debiti ta' l-istess socjeta' All Industrial Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. sal-valur ta' hamsa u ghoxrin elf Liri Maltin (Lm25,000).

Illi permezz ta' zewg skritturi privati datati 8 ta' Novernbru 1999 u 12 ta' Lulju 1999 (Dok "G" u Dok "H"), il-konvenut Vincenzo Faniello ggarantixxa flimkien u "in solidum" mas-socjeta' All Industrial Company Limited a favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti ta' l-istess socjeta' All Industrial Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta’ erba' ittri ufficjali datati 10 ta' April 2002 u li kopji taghhom qed jigu hawn esebiti u mmarkati Dok "I", Dok "J", Dok. "K" u Dok. "L", sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti.

Jghidu l-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1 Tikkundanna lis-socjeta' All Industrial Company Limited, Patrick Delia, u Vincenzo Faniello, ihallsu flimkien u "in solidum" bejniethom lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmienja u tletin elf, seba' mija u seba' Liri Maltin u hdax-il centezmu (Lm38,707.11) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" tas-socjeta' All Industrial Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "B1 sa B4", u "C1 sa C2") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 2002 sad-data ta' l-effettiv pagament; u

2. Tikkundanna lil Sebastian Dalli jhallas flimkien u "in solidum" ma' All Industrial Company Limited, Patrick Delia u Vincenzo Faniello s-somma ta' hamsa u ghoxrin elf Liri Maltin (Lm25,000) bhala garanzija ghad-debitu fil-"Loan Accounts" tas-socjeta' All Industrial Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "B1 sa B4", u "C1 sa C2") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 2001 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri ufficjali datati 10 ta' April 2002 u tal-Mandati ta' Sekwestru li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni u

minghajr pregudizzju ghal proceduri ohra ntavolati kontra Patrick Delia mis-socjeta' attrici ghal bilanci ohra dovuti minnu lis-socjeta` attrici.

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici datat 12 ta’ Marzu 2003 a fol 49 tal-process fejn talbet lill-Qorti joghgobha tordna li fl-okkju tal-kawza qabel il-kliem “All Industrial Company Limited” jizdiedu l-kliem “Anatole Baldacchino bhala stralcarju ghan-nom u in rapprezentanza ta’”, wara li taghti l-opportunita` provvedimenti; u l-Qorti kif diversament presjeduta laqghet it-talba u ordnat il-korrezzjoni kif jidher bid-digriet moghti fl-20 ta’ Gunju 2003 a fol 54 tal-process.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tal-25 ta’ Settembru 2003.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Sebastian Dalli datata 15 ta’ Dicembru 2003 a fol 65 tal-process fejn espona : -

1 Preliminarjament, id-dezerzjoni, *stante* li l-kawza fl-ismijiet premessi ma gietx notifikata, u kwindi l-istadju tal-proceduri bil-miktub ma nghalaqx, *entro* t-terminu stabbilit mill-artikolu 963 Kap.12, in kwantu c-citazzjoni attrici giet notifikata lill-konvenut aktar minn sitt xhur wara l-prezentata taghha;

2. Illi preliminarjament ic-citazzjoni attrici hija nulla u invalida in kwantu (i) tikkonsisti f’talba ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' somma minghajr il-prevja talba necessarja ghad-dikjarazzjoni tal-kanonizzazzjoni tal-kreditu vantat; u (ii) id-dikjarazzjoni tal-fatti maghha anness ma fihiex id-dikjarazzjoni li tehtieg il-ligi *ad validitatem* dwar

liema mill-fatti dikjarati huma a konoxxenza personali tal-persuna li halfet l-istess dikjarazzjoni;

3. Illi minghajr pregudizzju, fil-mertu, il-garanzija moghtija mill-konvenut a favur is-socjeta` bankarja attrici hija nulla u invalida fil-ligi in kwantu l-konvenut eccipjenti huwa ragel mizzewweg u ghaldaqstant kien rikjest il-kunsens ta’ martu;

4 Illi s-socjeta` bankarja attrici agixxiet bi pregudizzju u bi frodi tal-konvenut eccipjent billi estendiet il-facilitajiet koncessi a favur id-debitur principali meta kienet giet infurmata li kien hemm qbil bejn il-partijiet sabiex il-konvenut eccipjent johrog mis-socjeta` debitrici principali, kif fil-fatt huwa ghamel, u meta kienet diga` indikat il-kunsens taghha sabiex isiru l-proceduri necessarji sabiex il-konvenut eccipjent jigi Iiberat milI-effetti tal-garanzija invokata;

5 IIli fil-mertu, minghajr pregudizzju, irid l-ewwelnett jigi pruvat li gew avvanzati lis-socjeta` konvenuta s-somom pretizi, irid jigi pruvat x'rata ta' imghax kienet applikabbli ghal tali somom fid-diversi perjodi tar-relazzjoni bankarja bejn is-socjeta` attrici u s-socjeta` konvenuta, u jrid jigi ppruvat x'servizzi gew rezi mis-socjeta` bankarja attrici lis-socjeta` konvenuta, f’kaz illi s-somma mitluba tikkomprendi fiha *charges, ledger fees* jew kommissjonijiet;

6. Illi minghajr pregudizzju, *in vista* ta' l-artikoli 986(2), 1139, 1142 u 1850 sa 1853 Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, it-talbiet attrici jinkludu somom sostanzjali ta’ imghax in eccess mil-limitu massimu mpost mil-ligi, kif ukoll imghax kompost u *charges, ledger fees* u kommissjonijiet mhux dovuti li gew mizjuda ma’ l-obbligazzjonijiet principali b’qerq tad-

dispozizzjonijiet relattivi ghall-anatocizmu u l-uzura latenti, u li ghaldaqstant ghandhom jinqatghu mill-kapital, flimkien ma’ l-imghax kompost li rega’ gie mizjud fuqhom, *ai termini* ta' l-artikolu 185(2) Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

7. Illi minghajr pregudizzju, anke kieku stess din l-Onorabbli Qorti kellha tiddeciedi li kienet issehh konvenzjoni anatocistika valida bejn is-socjeta` bankarja attrici u s-socjeta` konvenuta, bis-sahha ta' liema konvenzjoni anatocistika seta’ jigi kapitalizzat l-imghax fl-*overdraft account*, zgur li qatt ma nghatu l-ebda kunsens posterjuri sabiex il-garanzija tkopri tali konvenzjoni anatocistika;

8. Illi finalment u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-imghax legali ulterjuri ma jistax jintalab b'effett mill-1 ta' Ottubru 2001 fuq l-imghax kapitalizzatt f’dik id-data, billi tali imghax ma jkunx ilu dovut aktar minn sena, izda jista’ biss jintalab minn dakinhar tat-talba gudizzjarja ghaldaqshekk jew bi ftehim li jsir wara li jghalqu, basta li fil-kaz il-wiehed u l-iehor, l-imghaxijiet ikollhom jinghataw ghal zmien ta’ mhux inqas minn sena, *in vista* ta' l-artikoli 1142, 1850, u 1851(2) Kap.16, Ligijiet ta’ Malta.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-rikors tas-socjeta` Bank of Valletta p.l.c. datata 4 ta’ Novembru 2003 a fol 73 tal-process fejn talbet lill-Qorti, prevja notifika bis-soliti bandi, joghgobha tinnomina Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lil Vincenzo Faniello ghall-effetti tac-citazzjoni fuq imsemmija u fl-atti l-ohra kollha konnessi u sussegwenti; u l-Qorti kif diversament presjeduta innominat lil Dr. Tonio Azzopardi u lil PL Victor Bugeja kif jidher bid-digriet moghti fl-24 ta’ Marzu 2004 a fol 93 tal-process.

Rat ir-rikors ta’ Anna Faniello Numru tal-Karta ta' l-Identita` 302962 (M) datat 29 ta’ Marzu 2004 (fol 105) fejn qalet lill-Qorti illi hija ghandha interess li tintervjeni f’ din il-kawza bhala mart il-konvenut Vincenzo Faniello u primarjament biex tipprotegi l-interessi taghha fil-komunjoni tal-akkwisti u ghal dan l-objettiv hija tixtieq titlob l-awtorizzazzjoni minn din il-Qorti biex tkun tista’ tipprezenta l-eccezzjonijiet taghha skont il-ligi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-intervenuta fil-kawza Anna Faniello Numru tal-Karta ta' l-Identita` 302962 (M) datata 20 ta’ April 2004 (fol 109) fejn esponiet : -

1 Illi l-eccipjenti tirreferi ghar-rikors taghha b'urgenza quddiem dina l-Onorabbli Qorti intavolat nhar it-Tnejn, disgha u ghoxrin (29) ta' Marzu 2004, u ghad-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti fir-rigward ta' dan ir-rikors tat-tnejn (2) ta' April 2004, fejn giet milqugha t-talba ta' Anna Faniello fis-sens illi l-intervenuta fil-kawza giet awtorizzata tintervjeni f'din il-kawza u inghatat il-fakolta' a bazi tat-tieni talba taghha u fejn is-socjeta' kummercjali attrici giet ordnata tinnotifika bic-citazzjoni lill-intervenuta fil-kawza, u fejn din il-Qorti mbaghad kellha taghti t-termini taghha biex l-intervenuta fil-kawza tkun tista' tipprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha u dak li huwa bazikament mehtieg fi proceduri bhal dawn skont il-ligi, u f'dan ir-rigward dina l-Onorabbli Qorti pprovdiet billi laqghet it-talba tal-istess intervenuta fil-kawza.

2. Illi biex ma tippregudikax l-interessi taghha, l-intervenuta fil-kawza qieghda odjernament tipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet taghha u f'dan is-sens l-eccezzjonijiet taghha huma s-segwenti:

i. Illi dawn il-proceduri fir-rigward tal-konvenut Vincenzo

Faniello ta' 'Casa Faniello', Triq id-Dragun, gewwa Hal-Qormi, huma nulli, invalidi, ineffettivi u mhux enforzabbli skont il-ligi, peress li Vincenzo Faniello ilu nieqes mill-Gzejjer Maltin ghal aktar minn tliet (3) snin u mhux qieghed jirrisjedi fil-Gzejjer Maltin, u kwindi, *se mai*, il-proceduri kellhom isiru kontra Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Vincenzo Faniello kif facilment jista’ jigi ppruvat;

ii. Illi fit-tieni lok, Vincenzo Faniello huwa u ghadu legalment mizzewweg u mhux legalment mifrud mill-konsorti tieghu l-intervenuta fil-kawza Anna Faniello li tirrisjedi fl-indirizz 'Lo Monde', Appartament Numru 1, Triq l-Istamnar gewwa l-Qawra, u li qieghda fi proceduri pendenti li ghadhom mhux konkluzi ta’ firda legali kontra l-imsemmi Vincenzo Faniello li huma pendenti quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) kif ippresjeduta mill-Onorevoli Mhallef Raymond C. Pace u jinsabu differiti ghal kontinwazzjoni ghal nhar it-Tlieta, l-ewwel (1) ta’ Gunju tas-sena elfejn u erbgha (01.06.2004), fid-disgha ta' fil-ghodu (9:00am), *purche'* li hemm Perit Legali li ghadha qed tisma’ l-provi relatati;

iii. Illi f’dawn ic-cirkostanzi l-intervenuta fil-kawza ma taf assolutament xejn dwar it-talbiet affrici f'din il-kawza odjerna u la qatt ma giet ikkonsultata dwarhom, u la qatt ma tat il-kunsens taghha dwarhom la b’xi mod implicitu u lanqas esplicitu, u lanqas ma qatt iffirmat xi dokumentazzjoni relatata dwarhom u kwindi a bazi tal-ligi jekk saru xi dokumentazzjoni f’dan ir-rigward *ad insaputa* taghha, dawn huma nulli, invalidi u ineffettivi skont il-ligi u kwindi ineffettivi u mhux enforzabbli u fil-konfront taghha hija ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju minghajr ma tigi ppregudikata fl-interessi taghha ghar-rigward tal-

komunjoni tal-akkwisti li proprju jinkorporaw id-dar konjugali f' "Casa Faniello", fi Triq id-Dragun, gewwa Hal-Qormi;

iv. Illi l-intervenuta fil-kawza tiddikjara li hija qatt ma kienet taf la lil Anatole Baldacchino bhala stralcatarju ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` kummercjali All Industrial Company Limited ta' numru 10, Triq ic-Cawsli gewwa Hal-Qormi, u lanqas qatt ma kienet taf dwar jew b'xi mod ikkomunikat jew saru xi tentattivi biex jikkomunikaw maghha da parti mid-Diretturi, segretarju tal-kumpanija, *Managing Director* u/jew impjegati jekk kien il-kaz tas-socjeta' imsemmija All Industrial Company Limited;

v. Illi l-intervenuta fil-kawza tiddikjara li sa fejn taf hi, la hi u lanqas zewgha Vincenzo Faniello assenti mill-Gzejjer Maltin ghal aktar minn tliet snin qatt ma kellhom xi rabta kummercjali ma ebda wiehed mill-konvenuti ndikati f'din il-kawza odjerna u lanqas mal-Bank of Valletta p.l.c., u kwindi, ghal kull *buon fini* fil-fatt u fid-dritt, l-intervenuta fil-kawza ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju minhabba n-nullita` tal-proceduri fil-konfront ta' zewgha u naturalment taghha wkoll, u fejn b'hekk jigu protetti l-interessi tal-intervenuta fil-kawza a bazi tal-kawza ta' firda legali li hija ghandha pendenti kontra l-istess assenti zewgha Vincenzo Faniello;

3. Illi filwaqt li tirrizerva li tipproduci kwalsiasi prova tangibbli li l-istess intervenuta fil-kawza tista' ssir konxja taghhom issa li nterveniet f'din il-kawza, l-intervenuta fil-kawza titlob li hija m'ghandha tbati ebda forma ta' spejjez la

gudizzjarji u lanqas extra gudizzjarji billi hija sabet lilha infisha f'din il-kawza intortament, u qed tintervjeni biss mhux kapricjozament imma

biex tissalvagwarda l-interessi taghha bhala mart Vincenzo Faniello u *del resto* a bazi tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom galadarba din tigi likwidata mill-Qorti Civili - Sezzjoni tal-Familja fic-citazzjoni li hemm pendenti bejn Anna Faniello versus Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Vincenzo Faniello.

Salv eccezzjonijiet ohra ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati Dr Tonio Azzopardi u l-P.L.  Victor Bugeja in rapprezentanza tal-assenti Vincenzo Faniello, datata 19 ta' Mejju 2004 a fol 119 tal-process fejn esponew : -

1 Illi l-eccipjenti mhumiex edotti mill-fatti tal-kawza u ghalhekk qeghdin jirriservaw id-dritt li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri.

Rat in-nota ta' Fabrizio Faniello datata 9 ta' Gunju 2004 a fol 123 tal-process li permezz taghha qed jassumi l-atti in rapprezentanza tal-assenti missieru Vincenzo Faniello.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-16 ta' Gunju 2004 quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn deher il-PL Joseph Zammit assistit minn Dr Dominic Cassar.  Deher Dr Stefan Azzopardi ghal Fabrizio Faniello. Dehret Dr.  Anna Mallia ghal Anna Faniello prezenti fl-Awla. Dr. Stefan Zrinzo Azzopardi talab li jinghata fakolta` jipprezenta eccezzjonijiet ghal Fabrizio Faniello ghan-nom ta' Vincenzo li jistghu jkunu differenti minn tal-kuraturi li possibbilment ma kienux edotti sufficjentement mill-kaz. Dr. Cassar ma opponiex. Il-Qorti laqghet it-talba u tat ghoxrin (20) jum minn

dan id-digriet ghal dan l-iskop. Deher Dr Gianfranco Gauci ghal Sebastian Dalli. Anna Faniello talbet li tibda tappatrocinha Dr Anna Mallia flok Dr Emmy Bezzina, u peress li qieghda fil-process li tirregola l-pozizzjoni taghha peress li bidlet il-konsulent legali talbet differiment. Dr. Cassar ma opponiex. F' dan l-istadju Dr Gauci, wara li saru diskussjonijiet fuq il-punti mqajmin irtira l-ewwel eccezzjoni u 2 (i).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Fabrizio Faniello li b' nota datata 10 ta' Gunju 2004 assuma l-atti in rapprezentanza tal-assenti missieru Vincenzo Faniello, datata 5 ta' Lulju 2004 a fol 125 tal-process fejn espona : -

1 Illi preliminarjament, ir-relazzjoni guridika bejn is-socjeta' bankarja attrici u l-konvenut Vincenzo Faniello hija bbazata fuq zewg skritturi privati datati 8 ta' Novembru 1999 u 12 ta' Lulju 1999, gia in atti u mmarkati bhala Dok G u Dok H rispettivament, liema skritturi huma nulli u invalidi fil-ligi in kwantu l-konvenut eccepjenti fid-data tal-iskritturi kien ragel mizzewweg u ghaldaqstant kien rikjest il-kunsens tal-mara tieghu ghall-ghoti ta' tali garanziji.

2 Illi s-socjeta' bankarja attrici agixxiet bi pregudizzju tal-konvenut eccepjenti u dan peress li estendiet facilitajiet bankarji a favur is-socjeta' All Industrial Company Limited. u dan meta s-socjeta' bankarja attrici kienet konsapevoli, u debitament infurmata, bil-fatt li bejn il-konvenut Faniello u l-konvenuti l-ohra kien sar qbil biex il-konvenut Faniello jigi liberat minn kull garanzija li seta' kien hemm a favur is-socjeta' All Industrial Company Limited u dan kif se jigi ppruvat waqt it-tattazzjoni tal-kawza.

3. Illi minghajr pregudizzju ghal dak gia eccepit, l-ewwelnett irid jigi ppruvat li gew avvanzati lis-socjeta' attrici s-somom pretizi, irid jigi ppruvat x'rata ta' imghax kienet applikabbli ghal tali somom pretizi fid-diversi perijodi tar-relazzjoni bankarja bejn is-socjeta' attrici u s-socjeta' konvenuta, u jrid jigi ppruvat x'servizzi gew rezi mis-socjeta' bankarja attrici lis-socjeta` konvenuta, f'kaz illi s-somma mitluba tikkomprendi fiha *charges, ledger fees* kommissjonijiet.

4 Illi, minghjar pregudizzju, it-talbiet attrici jinkludu somom sostanzjali ta' imghax in eccess tal-limitu impost mil-ligi, kif wkoll imghax kompost fuq imghaxijiet ohra u *charges, ledger fees* u kommissjonijiet mhux dovuti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Gunju 2006 (fol 179) fejn il-Qorti qieset li l-provi tal-konvenut Sebastian Dalli kienu maghluqa.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn fis-seduta tal-15 ta' April 2008 (fol 205) fejn Dr Stefan Zrinzo Azzopardi ddikjara li fadallu jixhed Vincenzo Faniello u possibbilment din issir quddiem l-Assistent Gudizzjarju permezz ta' rikors, u ghalhekk il-provi wara jkunu kollha maghluqa. Vincenzo Faniello ried jixhed mhux aktar tard mis-16 ta' Gunju 2008. Wara l-Qorti awtorizzat lil Dr Cassar jipprezenta nota ta' osservazzjonijiet sal-11 ta' Awwissu 2008 ghal nota responsiva. Il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza ghall-10 ta' Novembru 2008.

Rat ir-rikors tal-kuratur Dr Tonio Azzopardi datat 13 ta’ Mejju 2008 a fol 209 tal-process fejn l-esponenti bhala kuratur tal-assenti Vincenzo Faniello talab lill-Qorti joghgobha : 1) taghti l-opportunita` lill-assenti Vincenzo Faniello jixhed f’ din il-kawza, u 2) ghal dan il-ghan tordna lil ibnu Farbrizio Faniello biex fi zmien prefiss jindika l-indirizz ta’ Vincenzo Faniello barra minn Malta sabiex l-esponent ikun jista’ jikkominka mieghu u jara jridx jipprevalixxi ruhu mid-dritt tieghu li jixhed f’ din il-kawza qabel ma jsiru s-sottomissjonijiet permezz ta’ noti tal-osservazzjonijiet *a tenur* tal-verbal tal-5 ta’ April 2008, u dan sabiex l-esponent ikun espleta sewwa l-inkarigu tieghu bhala kuratur assenti f’ din il-kawza u sabiex jigi assigurat li d-drittijiet tal-assenti ma jigux ippregudikati; 3) tordna lill-partijiet jew difensuri taghhom biex jinnotifikaw lill-esponent *qua* kuratur bin-nota tal-osservazzjonijiet taghhom.

Rat id-Digriet tad-29 ta' Mejju 2008 fejn cahhdet it-talba.

Rat ir-rikors tas-socjeta` Bank of Valletta p.l.c. datat 11 ta’ April 2007 a fol 232 tal-process fejn talbet lill-Qorti joghgobha tinnomina kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta` konvenuta All Industrial Company Limited fl-atti tac-Citazzjoni imsemmija u fl-atti l-ohra kollha konnessi u sussegwenti; u l-Qorti kif diversament presjeduta nnominat bhala kuraturi deputati lil Dr Richard Sladden u l-PL Luisa Tufigno kif jidher bid-digriet moghti fit-18 ta’ Gunju 2008.

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici datat 10 ta’ Lulju 2008 a fol 248 tal-process fejn talbet lill-Qorti joghgobha tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza u tipprovdi illi fis-seduta li kien jmiss u cioe`` dik tal-10 ta’ Novembru 2008 tkun ghat-trattazzjoni tal-kawza.

Rat ir-rikors tal-Avukat Richard Sladden datat 4 ta’ Novembru 2008 a fol 253 tal-process fejn talab lill-Qorti joghgobha tahtar stralcarju ghas-socjeta` All Industrial Company Limited u tirrevoka *contrario imperio* l-hatra ta’ kuratur deputat tal-esponenti.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti kif illum presjeduta (fol 253) datata 29 ta’ Ottubru 2014 fejn il-Qorti cahdet it-talba ghar-ragunijiet spjegati.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenut Sebastian Dalli fir-rigward tar-rikors imressaq mill-Bank attur nhar 10 ta’ Lulju 2008 datata 30 ta’ Jannar 2009 a fol 260 tal-process.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta` attrici wara dik tal-konvenut Sebastian Dalli datata 25 ta’ Frar 2009 a fol 266 tal-process.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet addizzjonali tas-socjeta` attrici pprezentata permezz ta’ rikors datat 2 ta’ Gunju 2009, esebita a fol 273 tal-process.

Rat ir-risposta ta’ Sebastian Dalli fir-rigward ta’ nota ta’ sottomissjonijiet imressqa mill-Bank attur nhar it-2 ta’ Gunju 2009 datata 28 ta’ Dicembru 2009 a fol 291 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta’ April 2010 (fol 298) mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn Dr. Dominic Cassar irrefera ghall-process pagni 271, 287 (notifiki ta’ Dalli, Faniello u Delia bil-procedura

tal-affissjoni) u pagna 294 (li huwa l-estratt tal-pubblikazzjoni fil-gazzetta lokali). Issottometta li fil-kaz ta' xoljiment volontarju bhal kaz in dizamina, il-procedura korretta hija li jkun hemm il-kuratur. Dr Cassar *inoltre* issottometta li ghalhekk huwa notifikat kulhadd barra s-socjeta` All Industrial Company Limited li hija proprju l-mertu li qed jigi diskuss u li ghalhekk ma tistax tigi notifikata hi stess. Dr. Robert Gauci Maistre ddikjara li l-ligi ma taghmilx distinzjoni dwar xoljiment *ipso jure* u xoljiment volontarju u ghalhekk in-notifika suppost issir lir-ricevitur ufficjali. Il-kawza giet differita ghal decizjoni fuq dan l-aspett ghat-8 ta' Novembru 2010.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Novembru 2010 (fol 299) mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn il-Qorti osservat: - illi n-notifika ta' All Industrial Company Limited ma saritx; Illi fil-process ma jinstabx id-digriet biex Anna Faniello tidhol fil-kawza u tipprezenta l-eccezzjonijiet, kif fil-fatt ghamlet a fol 109, izda minn fol 109 isfel fl-ewwel eccezzjoni rrizulta li kien hemm digriet tat-2 ta' April 2004 bid-dettalji tieghu li pero` mhux qieghed fil-process, u ghalhekk ghal kull *buon fini* l-Qorti irratifikat tali digriet kif imsemmi a fol 109 tal-process; illi jonqos in-notifika tal-affidavit ta' Jane Mifsud lill-konvenut Patrick Delia. Illi jonqos in-notifika tal-affidavit ta' Anna Faniello lill-konvenut All Industrial Company Limited. Illi r-rikors a fol 226 tal-process huwa notifikat biss lill-Bank of Valletta u hemm risposta biss tal-Bank a fol 229 li oppona. Ukoll, hemm kuraturi ghal Vincenzo Faniello li qatt ma ntalbet l-estromessjoni taghhom, ghalkemm giet prezentata nota ta' assunzjoni tal-atti u nota tal-eccezzjonijiet – hemm bzonn ta' nomina formali li Fabrizio Faniello jigi nominat kuratur ta' l-assenti Vincenzo Faniello u ghalhekk il-Qorti ghamlet dan u ordnat l-estromessjoni tal-kuraturi ta' Vincenzo Faniello. Illi r-rikors a fol 232 hemm biss notifika b' affissjoni lill-All Industrial Company Limited, kif ukoll Gazzetta tal-Gvern a fol 212 u gazzetta lokali fol 245. Inghata digriet : -

*“Ghal dawn il-motivi tikkonferma r-rikors tal-11 ta’ April 2007 kif degretat minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-18 ta’ Gunju 2008.*

*Tichad ir-rikors ghar-revoka ta’ dan id-digriet.*

*Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.”*

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Dr. Richard Sladden u l-PL Luisa Tufigno nominati bhala kuraturi deputati b’ digriet tat-18 ta’ Gunju 2008, sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta` All Industrial Company Limited, datata 26 ta’ Novembru 2010 a fol 319 tal-process fejn esponew : -

1 Illi l-eccipjenti m’ humiex edotti mill-fatti tal-kaz u jirriservaw li jipprovdu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri.

2 Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-bank attur irid jipprova l-ammonti allegatament avvanzati u lil min, kif ukoll id-dettalji tar-rati tal-imghax u kif dawn inhadmu.

3 Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost, l-esponenti mhumiex f’ pozizzjoni li jikkonfermaw u jghidu jekk is-socjeta` All Industrial Company Limited tinsabx f’ kundizzjoni finanzjarja li thallas dak pretiz mill-bank attur *stante* li m’ ghandhomx informazzjoni u/jew access ghad-dokumenti u assi tal-kumpanija.

Rat il-verbal ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta tal-25 ta' Jannar 2011 (fol 328) fejn il-Qorti qalet li jirrizulta li ormai in-notifiki saru kollha izda fadal in-notifika ta' Patrick Delia bl-affidavit ta' Jane Mifsud u ghalhekk halliet il-kawza ghat-12 ta' April 2011.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta` attrici Bank of Valletta p.l.c. datata 3 ta’ April 2013 a fol 361 tal-process.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-kuraturi Dr. Richard Sladden u l-PL Luisa Tufigno datata 24 ta’ Mejju 2013 a fol 372 tal-process.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ Sebastian Dalli datata 13 ta’ Gunju 2013 a fol 376 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta’ Gunju 2013 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversment presjeduta fejn Dr Byron Camilleri nforma lill-Qorti li Fabrizio Faniello giet irtirata l-prokura lilu minn missieru. Xehed Fabrizio Faniello. Dr. Cassar kellu jiehu hsieb jaghmel rikors ghall-kuraturi.

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici Bank of Valletta p.l.c. datata 23 ta’ Lulju 2013 a fol 386 tal-process fejn talbet lill-Qorti joghgobha tordna illi l-kuraturi deputati Dottor Tonio Azzopardi u l-PL Victor Bugeja mahtura b’ digriet tal-24 ta’ Marzu 2004 jigu konfermati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Vincenzo Faniello fl-atti ta’ din il-kawza u fl-atti

l-ohra sussegwenti u relatati; u l-Qorti kif diversament presjeduta laqghet it-talba kif jidher bid-digriet taghha tal-25 ta' Lulju 2013 (fol 388).

Rat in-nota tal-Avukat Dottor Tonio Azzopardi datata l-14 ta' Ottubru 2013 a fol 389 tal-process li biha assuma l-atti ghan-nom tal-assenti Vincenzo Faniello, il-persuna li kien gie nominat minn din il-Qorti biex jirrapprezentah f' din il-kawza.

Rat is-surroga datata 13 ta' Frar 2014 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' April 2014 (fol 315) mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr Dominic Cassar ghall-Bank of Valletta u Dr Franco Galea ghall-konjugi Dalli. Il-Qorti ghamlet referenza ghad-digriet ta' din il-Qorti kif diversament ippresjeduta tad-19 ta' Novembru 2013 u senjatament ghat-terminu moghti lil Vincenzo Faniello sabiex jipprezenta n-nota ta' osservazzjonijiet tieghu peress li dan it-terminu kien skada. Il-Qorti nnotat li dan it-terminu skada. Id-difensuri tal-partijiet talbu li l-kawza tigi differita ghas-sentenza. Il-Qorti laqghet it-talba u ddifferixxiet il-kawza ghas-sentenza ghat-30 ta' Ottubru 2014.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi permezz ta' din il-kawza l-Bank attur qed jitlob l-kundanna tas-socjeta' All Industrial Company Limited, bhala debitur principali, u, fl-ewwel lok, ta' Patrick Delia u Vincenzo Faniello bhala garanti *in solidum* mal-istess, tas-somma ta' Lm38,707.11, bilanc ta' debitur ta' *Loan Accounts* flimkien mal-imghaxijiet legali mill-1 ta' Ottubru 2002 sad-data tal-pagament effettiv; u fit tieni lok, ta' Sebastian Dalli, Patrick Delia u Vincenzo Faniello bhala garanti *in solidum* mad-debitur principali tas-somma ta' Lm25,000 dovut fuq *Loan Accounts* flimkien mal-imghaxijiet mid-data tal-1 ta' Ottubru 2001 sad-data tal-pagament effettiv.

Il-konvenut **Sebastian Dalli** oppona ghat-talbiet attrici in linja preliminari. Dwar din l-ewwel eccezjoni u l-eccezzjoni preliminari sollevata fil-paragrafu 2(i) fin-nota ta' l-Eccezzjonijiet tieghu gew irtirati u ghalhekk din il-Qorti mhix ser tiehu konjizzjoni aktar taghhom. *Inoltre* eccepixxa n-nullita' tac-citazzjoni attrici billi id-dikjarazzjoni tal-fatti maghha annessa ma fihiex id-dikjarazzjoni li tehtieg il-ligi *ad validitatem* dwar liema mill-fatti dikjarati huma a konoxxenza personali tad-dikjarant. *Inoltre* eccepixxa n-nullita` tal-garanzija moghtija minnu favur is-socjeta` attrici billi huwa ragel mizzewweg u ghaldaqstant hu rikjest il-kunsens ta' martu. Il-konvenut eccepixxa, *inoltre*, li l-Bank estenda l-facilitajiet tal-kumpanija konvenuta meta kienet gja infurmata li l-eccipjent kien ser johrog mis-socjeta' debitrici principali u ghalhekk agixxiet bi frodi u bi pregiudizzju ghalih; li jrid jigi ppruvat li gew avvanzati is-somom pretizi u r-rata tal-imghax applikabbli u x'servizzi gew rezi jekk dawn jinkludu *charges, ledger fees,* jew kommissjonijiet; li l-ammont mitlub jikkomprendi uzura latenti u ziediet ta' imghax kompost, *charges, fees* u kommissjonijiet mhux dovuti skont id-disposizzjonijiet relattivi ghall-anatocismu, u b'jekk dawn ghandhomx jinqatghu mill-kapital flimkien mal-imghax kompost *ai termini* tal-artikolu 1851(2) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; anke jekk il-Qorti issib li kien hemm konvenzjoni anatocistika bejn il-Bank u s-socjeta' konvenuta, l-eccipjent ma tax kunsens posterjuri ghal din il-konvenzjoni; li l-imghax mill-1 ta' Ottubru 2001 ma jistax

jintalab fuq l-imghax kapitalizzat f'dik id-data billi tali imghax ma kienx dovut ghal aktar minn sena izda jista’ jintalab biss minn dakinhar tat-talba gudizzjarja.

Il-kuraturi Deputati **Dr Tonio Azzopardi u l-P.L. Victor Bugeja in rapprezentanza tal-assenti Vincenzo Faniello**, eccipew li mhumiex edotti mill-fatti tal-kawza u ghalhekk irrizervaw id-dritt li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri. Dawn il-kuraturi kienu gew estromessi mill-atti wara li assuma r-rappresentanza ta' missieru Fabrizio Faniello, izda regghu gew nominati b'Digriet ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta tal-25 ta' Lulju 2013 u b'nota tal-14 ta' Ottubru 2013, l-istess kuratur assuma l-atti ghan-nom ta' l-assenti Vincenzo Faniello.[1]

**Il-Konvenut Fabrizio Faniello** in rapprezentanza ta' **Vincenzo Faniello** eccepixxa li kien ragel mizzewweg meta gew iffirmati l-iskritturi ta' garanzija tat-8 ta' Novembru 1999 u tat-12 ta' Lulju 1999 u ghalhekk dawn huma nulli u invalidi billi kien rikjest il-kunsens ta' martu. *Inoltre* oppona ghat-talbiet attrici fil-konfront tieghu billi qal li l-bank estenda l-facilitajiet bankarji lid-debitur principali meta kien konsapevoli u debitament infurmata bil-fatt li kien hemm qbil mal-konvenuti l-ohra li jigi liberat minn kull garanzija li seta' kien hemm favur is-socjeta' debitrici principali; u li s-socjeta` attrici trid tipprova s-somom avvanzati, r-rata ta' imghax applikabbli ghas-somom pretizi u s-servizzi rezi; u li minghajr pregudizzju, it-talbiet attrici jinkludu somom sostanzjali ta' imghax in eccess tal-limitu impost mil-ligi, kif ukoll imghax kompost fuq imghaxijiet ohra, u *charges, ledger fees* u kommissjonijiet mhux dovuti.

[1] Nota a fol. 385 tal-process.

**Il-kuraturi Dr. Richard Sladden u l-PL Luisa Tufigno** ghan-nom tas-socjeta` All Industrial Company Limited, eccepew li m' humiex edotti mill-fatti tal-kaz u rrizervaw li jipprovdu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri; li minghajr pregudizzju il-bank attur irid jipprova l-ammonti allegatament avvanzati u lil min, kif ukoll id-dettalji tar-rati tal-imghax u kif dawn inhadmu; u li minghajr pregudizzju huma mhumiex f' pozizzjoni li jikkonfermaw u jghidu jekk is-socjeta` All Industrial Company Limited tinsabx f' kundizzjoni finanzjarja li thallas dak pretiz mill-bank attur *stante* li m' ghandhomx informazzjoni u/jew access ghad-dokumenti u assi tal-kumpanija.

**L-intervenuta fil-kawza, Anna Faniello, mart l-assenti Vincenzo Faniello** eccepiet in-nullita` tal-azzjoni attrici fil-konfront ta' zewgha Vincenzo Faniello billi kien ilu nieqes minn dawn il-gzejjer ghal aktar minn tlett snin u ghalhekk il-proceduri kellhom jsiru kontra Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Vincenzo Faniello; li hi u Vincenzo Faniello ghadhom mizzewgin legalment; li qatt ma tat il-kunsens taghha ghall-garanziji indikati u ghalhekk dawn huma nulli, invalidi u ineffettivi u mhux enforzabbli, u fil-konfront taghha hija ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju minghajr ma tigi ppregudikata fl-interessi taghha ghar-rigward tal-komunjoni tal-akkwisti li proprju jinkorporaw id-dar konjugali f' "Casa Faniello", fi Triq id-Dragun, gewwa Hal-Qormi; li hija qatt ma kienet taf la lil Anatole Baldacchino bhala stralcatarju ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` kummercjali All Industrial Company Limited ta' numru 10, Triq ic-Cawsli gewwa Hal-Qormi, u lanqas qatt ma kienet taf dwar, jew b'xi mod ikkomunikat jew saru xi tentattivi biex jikkomunikaw maghha da parti mid-Diretturi, segretarju tal-kumpanija, Managing Director u/jew impjegati jekk kien il-kaz tas-socjeta' imsemmija All Industrial Company Limited; li sa fejn taf hi, la hi u lanqas zewgha Vincenzo Faniello qatt ma kellhom xi rabta kummercjali ma ebda wiehed mill-konvenuti ndikati f'din il-kawza odjerna u lanqas mal-Bank of Valletta p.l.c., u kwindi, ghandha

tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju minhabba n-nullita` tal-proceduri fil-konfront ta' zewgha u naturalment taghha wkoll; li hija m'ghandha tbati ebda forma ta' spejjez gudizzjarji u extra gudizzjarji.

Illi jirrizulta li Patrick Delia gie notifikat bil-procedura ta' affissjoni u pubblikazzjoni izda ma pprezentax nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk hu kontumaci.

Il-fatti tal-kawza sintetikament huma s-segwenti. Is-socjeta` konvenuta inghatat *overdraft facility* fl-ammont ta' Lm25,000 f'Mejju 1999 u sussegwentement inghatat self fl-ammont ta' Lm6,400. Dan sehh f'Settembru 1999 u f'Jannar 2000 sar kuntratt bejn il-Bank attur u s-socjeta' konvenuta fejn Patrick Delia dahal ukoll bhala garanti solidali ghas-self. Il-konvenuti kollha iffirmaw skritturi ta' garanzija fejn iggarantixxu l-hlas lura tas-somom rispettivi bl-imghaxijiet u spejjez *in solidum* mad-debitur principali, cioe`, mas-socjeta' konvenuta. Il-kont *overdraft* inghalaq u tpogga f'*loan account* kif jirrizulta minn ittra (**DOK JM3)** datata 20 ta' Jannar 2001[2]. Is-socjeta' konvenuta dahhlet f'likwidazzjoni volontarja b'rizoluzzjoni straordinarja tat-13 ta' Novembru 2002 (fol 50) fejn gie appuntat Anatole Baldacchino bhala likwidatur (fol 52). Hu rrizenja fl-20 ta' Ottubru 2003. A fol 51 hemm dikjarazzjoni ta' solvenza tad-Diretturi tal-Kumpanija.

**Provi**

**Fil-kaz prezenti l-Bank adduca dawn il-fatti:**

[2] Fol.135 u xhieda ta' Jane Mifsud b'affidavit a fol. 130.

i. Permezz ta' kuntratt datat 7 ta' Jannar 2000 **(DOK A)** (fol. 7) ikkoncediet facilitajiet bankarji (*Loan*) lis-socjeta` konvenuta All Industrial Company Limited, fl-ammont ta' Lm6400. Fuq dan il-kuntratt il-konvenuti Patrick Delia iggarantixxa b' garanzija personali tieghu u b'ipoteka specjali fuq il-gid hemm deskritt, l-obbligazzjonijiet assunti mill-kumpanija ghall-hlas tas-self u imghaxijiet u dan *in solidum* ma' l-istess kumpanija debitrici. Dan ghamlu wkoll fuq zewg garanziji/skritturi (**DOK D** [3]**u DOK E**)[4] datati rispettivament it-8 ta' Novembru 1999, u, il-5 ta' Gunju 1999, fl-ammonti rispettivi ta' Lm6,400 u Lm25,000;

ii. Hekk ukoll similment ghamel il-konvenut Sebastian Dalli b'skrittura/garanzija (**DOK F**)[5] datata l-21 ta' Mejju 1999, fejn accetta li jkun garanti solidali mas-socjeta' konvenuta fl-ammont ta' Lm25,000.

iii. Bl-istess mod, il-konvenut Vincenzo Faniello iggarantixxa solidalment mas-socjeta' debitrici permezz ta' zewg skritturi/garanziji (**DOK G**[6] **u DOK H**[7]) datati rispettivament it-8 ta' Novembru 1999 u t-12 ta' Lulju 1999, Vincenzo Faniello accetta li jkun garanti solidali ghall-ammonti rispettivi ta' Lm6,400 u Lm25000.

iv. Il-kont *overdraft* inghalaq u tpogga f'*loan account* (Ara ittra **DOK JM3** datata 20 ta'Jannar 2001[8]);

v. B'ittra tat-22 ta' Jannar 2001 (fol 136) u b'ittri tal-24 ta' Jannar 2001 (fol137, 138 u 139) saret *call in* lill-konvenuti kollha bhala debituri principali u

[3] Fol.20
[4] Fol.22
[5] Fol.24
[6] Fol.26
[7] Fol.28
[8] Fol.135 u xhieda ta' Jane Mifsud b'affidavit a fol. 130.

garanti solidali. Ittri interpellatorji f'dan is-sens regghu intbaghtu lill-konvenuti kollha fit-2 ta' Lulju 2001 ir-*Recoveries Department* tal-Bank (fol 140,141,142 u 143).

vi.B' ittri ufficjali (fol. 31, 41, 44 u 47) datati l-10 ta' April 2002, il-kumpanija u l-fidejussjonarji solidali gew imsejha jadempixxu l-obbligi minnhom assunti u jaghmlu l-pagament dovut;

***Statements* Bankarji Esebiti - DOKTI B1-B4 u C1-C2**

Il-Bank esebixxa s-segwenti:

**DOK B1-B4** - A/c numru 34814146016 - loan account (Lm6,400)

**DOK C1-C2** -A/c numru 40010316757 - loan account (*ex overdraft)* bl-ewwel *entry* datat 20 ta' Jannar 2001 fl-ammont passiv ta' Lm27,700.20.

Il-Qorti tinnota li l-imghaxijiet fuq il-kont **C1-C2** gew addebitati kull sitt xhur, u l-ewwel addebitu f'Marzu 2001 cioe`:

Mar 2001 LM522.56 ( 3 xhur)

Sett. 2001 LM1,416.84

Mar. 2002 LM1,410.64

Sett. 2002 LM1,449.23

Dawn l-ammonti gew addebitati lill-bilanc dovut.

L-ammont passiv dovut fit-30 ta' Settembru 2002 hu Lm32,695.99

Din il-konsiderazzjoni tassumi rilevanza fil-kuntest tal-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti fejn jallegaw li l-imghaxijiet huma eccessivi in kwantu illegali.

**Il-Konvenut Dalli jadduci s-segwenti fatti:**

i. Fit-8 ta' Ottubru 1999 irrizenja mill-ufficcju ta' Direttur tal-Kumpanija konvenuta.

ii. B'ittra tat-2 ta' Lulju 2001 (Fol 144) informa lill-*Recoveries Section* b'dan il-fatt. Skont ix-xhieda ta' Jane Mifsud hu kien informa lill-Bank b'dan fl-ahhar tas-sena 1999.

iii. Jane Mifsud tirreferi ghall **DOK JM6** (affidavit fol 131) liema dokument ma giex esebit, bhala r-risposta tal-Bank ghall-ittra tat-2-7-01 izda dan mhuwiex esebit. Skont ix-xhud "*Il-Bank irribadixxa l-pozizzjoni tieghu illi r-rizenja tal-konvenut Dalli ma kinetx tolqot bl-ebda mod ir-responsabbilta' ta' l-istess Dalli ghall-hlas li baqghat xorta ferma u valida.*"

Fl-ahhar tas-sena 1999 avza lill-Bank attur b'din ir-rizenja[9].

**Xhieda Rilevanti**

Il-Qorti tislet s-segwenti stqarrijiet mix-xhieda moghtija f'din il-kawza:

**Jane Mifsud,** *Relationship Manager* mas-socjeta' attrici, xehdet permezz ta' affidavit esibit a fol. 130 tal-process. Spjegat li s-socjeta' konvenuta nghatat facilita' ta' *overdraft* ta' hamsa u ghoxrin-elf Lira Maltin (Lm25,000) f'Mejju 1999. Sussegwentement, f'Settembru 1999, il-Bank ta *loan* lill-istess kumpanija ta' sitt elef u erba' mitt Liri Maltin (Lm6,400) sabiex tixtri *"electrical equipment and hydraulic pipe pressing machine".*

F'xi zmien, il-konvenut Dalli kien talab lil Bank sabiex jigi rilaxxat mill-garanzija tieghu peress li kien irrizenja mill-kumpanija. Il-Bank kellu bzonn jindaga fuq dan il-fatt mal-konvenuti l-ohra, kif ukoll saret rikjesta ghal *Audited Accounts,* minbarra l-fatt li peress li ma kienux qed jiddepozitaw fil-kont, rapprezentanti tal-Bank xtaqu jiltaqghu maghhom. (***vide*** **Dok JM1, Dok JM2 u Dok JM3**).

Fit-22 ta' Jannar 2001 il-Bank talab lid-Diretturi tal-kumpanija, kif ukoll il-*guarantors* biex ihallsu l-ammont kollu dovut, flimkien ma' l-imghaxijiet ulterjuri mid-data ta' l-ittra sal-pagament effettiv (***vide*** **Dok JM4**).

[9] Ara xhieda Jane Mifsud b'affidavit Fol 130 li tikkonferma dan il-fatt.

Skont nota li kellha fil-*file,* irrizulta li l-konvenut Delia kien informa lil Bank li x-xoghol tal-kumpanija kien naqas, li s-sinjuri Faniello u Dalli kellhom problemi familjari u li s-Sur Faniello kien telaq minn Malta u halla x-xoghol wieqaf.

B’hekk il-Bank kellu jirrevedi l-pozizzjoni tieghu, peress li lanqas ma kienu qed isiru depoziti. Saret ittra bonarja lid-Diretturi u lil *guarantors.* Il-Bank ircieva ittra minn Mark Scalpello, fejn indika li l-konvenut Dalli kien irrizenja mill-kumpanija u li hu ma kienx ghadu qed jaghmel tajjeb ghad-dejn tal-kumpanija (Dok JM5). Ghal din l-ittra l-Bank irrisponda permezz ta’ *fax* (Dok JM6).

Il-Bank irribadixxa l-posizzjoni tieghu billi sostna li r-rizenja ta’ Dalli ma kenitx tolqot bl-ebda mod ir-responsabbilta’ tieghu ghall-hlas li baqghet xorta ferma u valida, kif kienet qabel, ghal-hlas tad-debitu. B’hekk il-Bank ma kellux triq ohra ghajr li jipprocedi bil-Qorti.

**In kontro-ezami** (fol. 152) qalet li b’referenza ghat-talba ta’ Dalli biex jinhall mill-obbligazzjoni tieghu, hija ma kenitx prezenti u *“ma jidhirx li kienet saret bil-miktub”.* Izda meta xehdet quddiem l-Assistenta Gudizzjarja fis-seduta tal-15 ta’ Novembru 2005 (fol. 156) qalet li ghandha nota fil-file li Sebastian Dalli kien qal verbalment "*li huwa qed jitlob li jigi rilaxxjat minn garanti tal-kumpanija."* Izda kellha wkoll *internal memo* mibghut minn Renzo Gonzi, *Head Personal Banking* fil-Branch ta’ Preluna Towers, Sliema li jghid li Sebastian Dalli ghandu garanti tal-kumpanija.

Qalet li l-ewwel nota li kellha dwar ir-rizenja ta' Sebastian Dalli hija datata s-6 ta' Ottubru 1999 mentri l-*fax* hija datata l-5 ta' Novembru

1999. Hi esebiet *memos interni* miktubin mir-*recoveries branch* relattivament ghat-talba ta' Dalli fejn qal li ma xtaqx jibqa' izjed garantur[10] (fol 160,161) u l-Form K, kif ukoll minuti ta' resoluzzjoni straordinarja tal-kumpanija tas-6 ta' Ottubru 1999 (a fol. 162,163.).

**Joseph Zammit,** rapprezentant tal-Bank, xehed quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta, (a fol. 146) u kkonferma li l-ammont imsemmi fic-citazzjoni kien ghadu kollu dovut kif kien fid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u li ma sar l-ebda hlas minn dakinhar 'l hawn.

**Renzo Gonzi,** Manager tal-Bank of Valletta, xehed quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta, fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2006 (fol. 180) u kkonferma li *"Ma jirrizultalix li kien se jitnehha minn garantor is-Sur Dalli".*

**Anatole Baldacchino,** *Public Accountant*, xehed quddiem din il-Qorti, diversament presjeduta, fis-seduta tas-26 ta' Frar 2007 (fol. 187). Qal li kien gie avvicinat mid-Diretturi Vincenzo Faniello u Patrick Delia sabiex izzomm l-*accounts* tal-kumpanija, li kienet ga ffurmata u bdiet topera. Dan kien f'nofs is-sena 1999. Il-kumpanija ga kellha facilitajiet bankarji meta huwa dahal jahdem hemm.

Huwa kien involut fin-negozjati ta' l-estensjoni tal-facilitajiet bankarji. Meta dahal bhala *accountant* Sebastian Dalli kien gja ittrasferixxa l-ishma tieghu, u d-Diretturi kienu Patrick Delia u Vincenzo Faniello. Huma riedu post akbar ghall-operazzjonijiet taghhom u talbu self mill-Bank ghal dan il-ghan.

[10] Esebiti fiz-zeduta tal-1 ta' Marzu 2006 quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Yvette Cassar.

Fis-sena 2002 gie appuntat bhala likwidatur tal-kumpanija u fl-20 ta' Ottubru 2003 huwa rrizenja minn likwidatur, minkejja li l-likwidazzjoni ma kenitx ghadha konkluza.

In **kontro-ezami** (fol. 347) xehed li kien *accountant* tal-kumpanija u sussegwentement kien anke likwidatur meta gie appuntat fit-13 ta' Novembru 2002 u rrizenja minn likwidatur fl-20 ta' Ottubru 2003. F' dawn il-perjodi huwa ghamel diversi xoghol, partikolarment xoghol ta' *VAT returns* b'lura. Konsegwentement, huwa kellu bzonn izjed informazzjoni minghand id-Diretturi biex ikun jista' jaghlaq il-kotba, izda ma dehrux izjed u ma kienx jaf x'sar minnhom u ma setax jaghmel ebda kuntatt maghhom. Ghalhekk irrizenja. Minghalih li l-ahhar darba li gew sottomessi l-*accounts* kien fis-sena 1998. Meta kien *accountant* kellu access ghad-dokumentazzjoni, izda meta kien likwidatur ma kellux access.

**<u>Anna Faniello</u>** mart Vincenzo Faniello, xehdet permezz ta' affidavit li jinsab esibit a fol. 180 tal-process. Qalet li ilha separata *de facto* mis-sena 1994, fejn hi tghix il-Qawra u hu jghix Hal Qormi. Hija qalet li qatt ma tat il-kunsens taghha (la verbalment u lanqas bil-miktub) fir-rigward xi garanzija li seta jiffirma ghaliha zewgha u assolutament ma kienet taf b'xejn f'dan ir-rigward. Saret taf b'din il-kawza mill-avvizi li hargu fuq il-gazzetta *The Times of Malta* u gazzetti lokali ohrajn u ma kienet taf b'xejn qabel. Immedjatament marret ghand l-avukat taghha u ntavolat rikors sabiex tintervjeni fil-kawza, *stante* li hi kellha interess.

Lanqas ma kienet taf bil-fatt li zewgha kien fin-negozju mal-konvenuti l-ohra u cioe` Sebastian Dalli u Patrick Delia. Qatt ma tat il-kunsens taghha, kemm verbali jew bil-miktub, sabiex zewgha jidhol f'xi negozju u/jew jaghti xi garanzija lil xi hadd.

Saret taf bil-kumpanija *All Industrial Company Limited*, kif ukoll bl-involviment ta’ zewgha f’din il-kumpanija, malli hi, flimkien ma’ l-avukat taghha ndagaw fuq din il-kawza.

In **kontro-ezami** xehdet li kienet taf li Vincenzo kien qed jahdem mal-kumpanija konvenuta u li kellha suspett li ma kienx semplici impjegat ma’ *All Industrial Company Limited*. Dana kkonfermatu meta talabha taghmillu garanzija, li hi fil-fatt qatt ma ghamlet.

**<u>Pio Vella</u>** xehed quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta fis-seduta tal-15 ta’ April 2008 (fol. 207). Hu kien *Manager* fil-*branch* ta’ Preluna (Sliema) madwar is-sena 1999. Ftakar ukoll li kienet inghatat facilita’ bankarja lil Sebastian Dalli, Patrick Delia u Fabrizio Faniello, izda ma ftakarx id-dettalji.

Mistoqsi dwar procedura normali fir-rigward garanzija personali jekk issir id-domanda lill-individwu jekk huwiex mizzewweg jew le, huwa irrisponda fl-affermattiv. Qal ukoll li jekk ikun ragel mizzewweg jistaqsu ghall-firma tal-mara. Fil-kaz in partikolari ma jiftakarx x’kien gara.

Fir-rigward id-dokument li jinsab esibit a fol. 26 immarkat bhalha **Dok G** xehed li l-firma li hemm mhijiex tieghu.

**<u>Vincenzo Faniello</u>** bil-lingwa Ingliza, xehed fis-seduta tat-22 ta’ Mejju 2008, quddiem l-Assistenta Gudizzjarja Dottoressa Yvette Cassar (fol. 216). Gharaf li l-firma fuq id-Dokument **K1** li ghadu kif esebixxa hija

tieghu. Riferibbilment ghall-partecipazzjoni tieghu fl-akkwist ta' facilitajiet bankarji ghall-kumpanija konvenuta, xehed li meta bdiet il-kumpanija kellhom xi hamest elef Lira Maltin (Lm5,000). Wara, t-tliet *partners* marru l-bank ghal iktar ghajnuna finanzjarja. Izda, dak iz-zmien kien ghaddej bis-separazzjoni ma' martu u hi rrifjutat li tiffirma l-garanzija.

L-ewwel darba sselfu sebat elef Lira Maltin (Lm7,000), bis-sahha taz-zewg *partners* ohra. Bis-sahha tal-proprjeta` ta' Patrick Delia u cioe` d-dar tieghu, isselfu hamsa u ghoxrin-il elf Lira Maltin (Lm25,000) mill-Bank. Il-Bank kien spjegalu li d-dokumenti li iffirma kienu fis-sens li kellhom ihallsu l-Bank tas-somom avvanzati imma mhux li jkunu responsabbli personalment.

Xi zmien wara Dalli ddecieda johrog mill-kumpanija, u l-kumpanija kienet se thallsu xi elfejn jew tlett elef Maltin. Xehed li kellu problemi ma' Patrick Delia minhabba l-uzu li kien qed jaghmel mill-fondi tal-kumpanija. Kellhom argumenti tant li hass li l-affarijiet ma setghux ikomplu sejrin hekk u ddecieda li johrog mill-kumpanija. Dan kien ghall-habta tas-sajf tas-sena 2000.

Dak iz-zmien l-*assets* tal-kumpanija kienu jammontaw ghal tletin jew erbghin elf Lira Maltin. Izda, kellhom debituri barra minn Malta li kellhom jiehdu xi tmien jew disat elef Lira Maltin. Fl-istess hin pero', kellhom jithallsu minn xi nies minn Malta ukoll minhabba l-fatt li kienu xtraw xi affarijiet minn ghandhom.

Meta hareg mill-kumpanija, quddiem l-*accountant* stess, il-kumpanija kienet f'posizzjoni stabbli. Ma kienx informa l-bank bil-fatt li kien hareg mill-kumpanija, izda kien tkellem biss ma' l-*accountant* tal-kumpanija

Baldacchino u kien kollox f'idejh. Fil-fatt kien hu li kellu jinforma l-Bank bir-rizenja tieghu. Ma jistax jghid jekk qatt ircieva ittra mill-Bank fir-rigward ir-rizenja tieghu, peress li kien barra minn Malta. Jahseb li telaq mill-kumpanija tieghu f' Awwissu 2000. Sebastian Dalli telaq mill-kumpanija sena qablu.

Meta gie mistoqsi jekk il-kitba ta' wara pagna 29 tal-process hi tieghu rrisponda fin-negattiv.

Mistoqsi fejn iffirma d-dokumenti, rrisponda li jekk jiftakar sew iffirma xi dokument fl-ufficcju tan-Nutar il-Hamrun. Iffirma xi dokumenti ukoll zgur fil-Bank ta' Tas-Sliema.

Ikkonferma li l-firem a fol. 27 tal-process huma tieghu.

Wara li hallas Lm3,000 lil Sebastian Dalli, peress li telaq mill-kumpanija huwa ma nformax il-Bank bil-fatt li Dalli kien telaq mill-kumpanija. Kien id-dover ta' Baldacchino biex jinforma lill-Bank fuq din il-kwistjoni.

Meta Dalli telaq mill-kumpanija, il-kumpanija ma haditx iktar flus mill-Bank.

**<u>Sebastian Dalli</u>** xehed fis-seduta ta' l-20 ta' Gunju 2012 quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta (fol. 352). Qal li kien Direttur tas-socjeta' konvenuta u baqa' Direttur sat-8 ta' Ottubru 1999. Xehed li l-kumpanija, li kienet tbiegh *spare parts* ta' *heavy machinery* u ta' gafef u

*filters* ecc,  kellha hafna makkinarju u hafna materjal, kif ukoll van biex tittrasporta l-affarijiet.

Meta telaq mill-kumpanija kien mar il-Bank u tkellem ma' Piju Vella (*Manager*) u nformah li kien spicca u qallu wkoll li ried jigi rilaxxat minn kull responsabbilta`. Dak iz-zmien kien ghad fadal iz-zewg Diretturi ohra. Illum il-gurnata huwa m'ghandux ideja fejn huma, minkejja li kien ipprova jsibhom.

Ippreciza li meta ha *loan* huwa ma kienx fil-kumpanija.

Huwa ma hax gost meta Patrick Delia ried flus ghalih personali u kien qal lil Piu Vella fuq din il-bicca. Hu ma kienx jaf bil-*loan* u sar jaf biha biss meta baghtu ghalih mill-Qorti. Huwa iffirma ghall-iskop tal-*current account* u qatt ma ffirma ghal-loan.

Qal li l-firma fuq il-foto-kopja tad-dokument esibit a fol.  24/25 tal-process huwa tieghu.

L-indirizz tieghu gewwa Hal Qormi qatt ma nbidel.

Huwa telaq meta ra li wiehed mid-Diretturi Patrick Delia ried jiehu flus mill-kumpanija biex jaghmel il-kapricci tieghu.  Meta rrizenja, lid-dirigenti tal-Bank kien spjegalhom ir-raguni ghaliex qed iwarrab.  Pero' il-Bank, minflok, kompla jzied is-self lill-Kumpanija.

Fir-rigward id-debitu ta’ hamsa u ghoxrin-elf Lira Maltin (Lm25,000) qal li kien hemm hafna *stokkijiet* minn fejn setghu jithallsu. Hu sar jaf b’dan kollu wara li spiccaw tnehhew l-*istokkijiet*. Per ezempju, kien hemm magna li kienet taghmel pajpijiet li kellha valur qawwi u spiccat marret ghand xi hadd. Qal li kien jaf b’dan id-debitu, pero’ ssostna li kien hemm ferm iktar assi fil-forma ta’ *stocks* biex ikopru dan l-ammont.

**Fabrizio Faniello** xehed quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta (a fol. 384 tal-process) fejn qal li l-prokura li kellu minghand missieru biex immexxi f’din il-kawza, giet irtirata.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DRITT FL-ISFOND TAL-ECCEZZJONIJIET SOLLEVATI.**

Il-Qorti issa ser tindirizza l-eccezzonijiet sollevati mill-konvenuti.

**A. L-Ewwel Eccezzjoni u l-eccezzjoni 2(i) tal-Konvenut Sebastian Dalli.**

Dawn l-eccezzjonijiet gew irtirati mill-konvenut u ghalhekk din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni aktar taghhom.

**B. Eccezzjoni 2(ii)** ta' Sebastian Dalli.

Il-konvenut Sebastian Dalli eccepixxa li c-citazzjoni attrici hija nulla u invalida in kwantu "(ii) *id-dikjarazzjoni tal-fatti maghha anness ma fihiex*

*id-dikjarazzjoni li tehtieg il-ligi ad validitatem dwar liema mill-fatti dikjarati huma a konoxxenza personali tal-persuna li halfet l-istess dikjarazzjoni."* L-abbli difensur tieghu ssottometta li fiz-zmien meta giet ipprezentata c-citazzjoni odjerna, dan kien rekwizit *ad validitatem* skont l-artiklu 156(3) tal-Kap.12, tant hu hekk li s-subinciz 156(5)(*recte 7)* kien jipprekludi lir-Registratur milli jircievi citazzjoni li ma kenitx tirrispetta dak stabbilit fl-artikolu 157(3). Fl-istess nota jghid li qed jistriehu fuq il-Kap 789(1)(d) tal-Kap.12 "*in kwantu d-dikjarazzjoni u l-forma li din ghandha tiehu huma espressament stipulati mill-ligi fl-artikoli precitati."*

**L-artikoli 156(3) u (7)** tal-Kap.12 gew introdotti bl-Att XXIV tal-1995. Sussegwentement gie ammendat bl-Att Numru XXII tal-2005 billi il-procedura b'citazzjoni giet sostwita b'dik tar-rikors guramentat.

Skont id-disposizzjoni tranzitorja f'dana l-att (artikolu 77) proceduri li gew istitwiti taht il-procedura antika jibqghu validi fil-ligi.

Hija interessanti d-dicitura ta' din il-klawsola tranzitorja in kwantu hi timmira biex issalva l-validita' ta' proceduri istitwiti b'citazzjoni fejn il-kaz ikun ghadu pendenti quddiem il-Qrati taghna.

Illi il-konvenut isostni li d-dikjarazzjoni tal-attur fejn jindika liema fatti huma a konoxxenza tieghu hu rikjest *ad validitatem.*

Illi skont il-prassi segwita minn dawn il-Qrati, anke a bazi tal-emendi introdotti bl-Att XXIV tal-1995, inkluz l-Art.175 tal-Kap.12 hija li formalizmu ezagerat ilu hafna li gie mnaqqas u limitat u bir-ragun il-ligi qeghda tkun aktar inklinata li tkompli tillimita l-formalizmu u n-nullitajiet

ta' diversi forom li jnutruh (**"Fino vs Fabri noe"** – Qorti tal-Appell – 28 ta' Frar 1997) u konsegwentement l-atti ghandhom jigu salvati anziche' annullati jew dikjarati nulli. ("**Ellul vs Coleiro**" – Qorti tal-Appell – 24 ta' Jannar 1994). [Ara wkoll – "**Guillaumier Industries Ltd vs Fava et"** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – PA(RCP) – 28 ta' Ottubru 1998, "**Attard noe vs Galea**" – Qorti tal-Appell – 12 ta' Mejju 1998 u " – Vol.LXXVI.IV.666].

L-**Art.789 tal-Kap.12** jirregola l-kazi li fihom l-eccezzjoni tan-nullita' ta' atti gudizzjarji tista' tinghata. Il-konvenut jadduci l-artikolu 789(1)(d) li jghid li l-eccezzjoni tan-nullita' tal-atti gudizzjarji tista' tinghata " *jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi".* Izda skont il-*proviso* din l-eccezzjoni ma tkunx tista' tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull dispozizzjoni ohra tal-Ligi. L-artikolu 789(1)(d) jrid li l-att gudizzjarju ikun milqut minn nuqqas partikolari essenzjali mehtiega u mhux semplici ksur tal-forma preskritta.

Fil-kaz in ezami, din il-Qorti ma tarax kif id-dikjarazzjoni mhix konformi mad-dettami tal-Ligi. Id-dikjarazzjoni saret fil-paragrafi enumerati u hija kkonfermata mill-PL Joseph Zammit ghall-Bank attur. L-istess Prokuratur Legali sussegwentement iddepona bil-gurament quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta. Il-fatt li ma indikax liema mill-fatti dikjarati huma a konoxxenza personali tad-dikjarant ma tnehhi xejn mis-siwi tad-dikjarazzjoni billi harsa lejn i-kontenut turi li l-fatti hemm dikjarati johorgu minn atti esebiti mac-citazzjoni (*res ipsa loquitur)*. F'dan is-sens, ma hemm xejn li jinduci lil din il-Qorti tifhem li d-dikjarant ma kienx qed jikkonferma fatti li ma kienux fil-konoxxenza tieghu ghaliex dawn kienu jirrizultaw ampjament.

Ghalhekk fil-kaz tal-lum, din il-Qorti ma tarax li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti ssib sostenn fl-Art.789 tal-Kap.12.

**Din l-eccezzjoni hija michuda.**

## C. L-Ewwel Eccezzjoni ta' Anna Faniello

Anna Faniello, l-intervenuta fil-kawza, eccepiet in-nullita' tal-proceduri odjerni peress li zewgha, Vincenzo Faniello, kien ilu nieqes mill-Gzejjer Maltin ghal aktar minn tliet (3) snin u ghalhekk il-proceduri odjerni kellhom jigu istitwiti kontra Kuraturi Deputati biex jirrapprezentawh.

Ikkonsidrat li t-talba ghan-nomina ta' kuraturi deputati saret fl-4 ta' Novembru 2003 u gew nominati Dr Tonio Azzopardi u l-PL Victor Bugeja (fol 71), li pprezentaw in-nota tal-eccezzjonijiet taghhom (fol 177). L-atti gew assunti minn Fabrizio Faniello, iben Vincenzo u Anna Faniello (fol 123) li ghandu prokura generali biex jirrapresenta lill-missieru (Fol 223) u ppresenta n-nota tal-eccezzjonijiet tieghu (fol 125). Vincenzo Faniello rtira l-prokura tieghu u b'Digriet ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta tal-24 ta' Lulju 2013 (fol.388) ikkonfermat il-hatra ta' Dr. Tonio Azzopardi u l-PL Victor Bugeja.

Ikkonsidrat li skont l-artikolu 930(2) tal-Kap 12, it-talba ghall-hatra ta' kuraturi ghall-assenti tista' ssir anke waqt il-kawza. Fil-kaz odjern, huwa minnu li t-talba ma saritx flimkien mal-prezentata tac-citazzjoni, izda fil-fehma tal-Qorti, anke jekk ma saret l-ebda talba tul il-kawza, dan ma jgibx in-nullita tal-att imma, semmai, taghti l-jedd lill-assenti li jevita l-ezekuzzjoni ta' sentenza moghtija a skapitu tad-drittijiet tieghu ghas-

smigh xieraq. *Inoltre* il-Qorti tinnota li fil-kaz odjern, l-istess assenti nnifsu ma gabx il-quddiem eccezzjoni f'dan is-sens. Anzi, kemm il-kuraturi nominati, u sahansitra l-mandatarju tieghu li accetta l-atti ghan-nom tieghu, ressqu l-eccezzjonijiet u s-sottomissjonijiet taghhom ghat-talbiet attrici.

**Illi din l-eccezzjoni fis-sustanza taghha hija wahda fiergha u din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tiddelunga izjed fuq dan il-punt. Ghalhekk qed tigi michuda.**

**D. It-Tielet Eccezzjoni ta' Sebastian Dalli, l-Ewwel Eccezzjoni ta' Fabrizio Faniello noe, it-tielet eccezzjoni tal-intervenuta fil-kawza Anna Faniello** :

Il-konvenut Dalli fit-tielet eccezzjoni eccepixxa li *"il-garanzija moghtija mill-konvenut a favur is-socjeta` bankarja attrici hija nulla u invalida fil-ligi in kwantu l-konvenut eccipjenti huwa ragel mizzewweg u ghaldaqstant kien rikjest il-kunsens ta' martu".* Din l-eccezzjoni giet ukoll sollevata mill-konvenut **Fabrizio Faniello** ghan-nom ta' missieru **Vincenzo Faniello** u minn **Anna Faniello.**

Il-konvenut Sebastian Dalli jiccita **l-artikoli 1322(3)(h**) tal-Kap. 16 in sostenn tat-tezi tieghu u jissottometti li l-azzjoni ta' annullabbilta' prevista **fl-artikolu 1326** tal-kap 16 ma japplikax ghall-kaz odjern ghaliex dan l-artikolu jaghti l-jedd lill-mizzewweg li jimpunja att ta' amministrazzjoni straordinarja mehuda unilateralment mill-parti l-ohra fiz-zwieg meta l-atti "*jkunu dwar it-trasferiment jew holqien ta' jedd reali jew personali fuq proprjeta` immobbli."* Ghalhekk jikkonkludi li l-ghoti ta' garanzija ma

taqax taht l-ebda wahda minn dawn il-kapi u kwindi l-ghoti ta' garanzija huwa null u mhux semplicement annullabbli.

*Inoltre* ssottometta li ma tressqet l-ebda prova li Sebastian Dalli huwa kummercjant *ai fini* tal-artikolu 1324 tal-Kap.16 u li "*l-fatt li wiehed hu direttur ta' socjeta' ma jfissirx li wiehed jista' jaghti garanziji li awtomatikament ser jolqtu l-komunjoni ta' l-akkwisti minghajr il-kunsens ta' martu."*

Il-Bank issottometta li l-garanzija in mertu moghtija miz-zewg konvenuti mhix nulla[11] imma annullabbli mill-konsorti b'azzjoni *ad hoc* fiz-zmien preskritt ta' tlett snin. Din l-azzjoni ma tispettax lill-firmatarju tal-att imma lill-konsorti tieghu/taghha li ma tkunx tat il-kunsens mehtieg[12]. Fil-kaz ta' Anna Faniello, il-perjodu ta' tlett snin skada minghajr ma hadet azzjoni biex timpunja l-garanzija in mertu*. Inoltre* l-att jikkostitwixxi att normali ta' gestjoni tal-kummerc u kwindi hu att validu li jirrientra fl-artikolu 1326 tal-Kap.16.

Skont l-artikolu **1322 (3) (h**) tal-Kodici Civili, il-kuntratt ghal xi garanzija gie dikjarat li hu att ta’ amministrazzjoni straordinarja, u skont l-artikolu **1322(2)** il-jedd li jitwettaq att simili “*imissu liz-zewg mizzewgin flimkien*”. Fil-kaz odjern, in-nullita' qed tigi sollevata mill-garanti, fil-kaz ta' Sebastian Dalli, u minn mart il-garanti fil-kaz ta' Anna Faniello billi fiz-zewg kazijiet, jghidu li ma kienx hemm il-kunsens tal-mizzewgin it-tnejn fuq il-garanzija.

---

[11] **"Schiavone v HSBC Bank Malta p.l.c."** PA,16 ta' Gunju 2005.
[12] **"Strand Marine Limited v Simon Borg Bartolo"**-PA, 7 ta' Marzu 2003

**L-artikolu 1326** tal-Kodici Civili jaghti l-fakolta’ lil dik il-konsorti "*li ma tkunx tat il-kunsens taghha ghall-att straordinarju li jannulla dak l-att kemm-il darba dak l-att jkun dwar it-trasferiment jew il-holqien ta’ jedd reali jew personali fuq proprjeta’ immobbli; meta dak l-att jkun dwar proprjeta` mobbli, dan jista’ jkun annullat biss meta l-jeddijiet fuqhom ikunu nghataw b’titolu gratuwitu.*"

Madanakollu **l-Artikolu 1324** tal-Kodici Civili jghid li "*Atti normali ta’ ġestjoni ta’ kummerċ, negozju jew professjoni li jkunu qed jigu eżerċitati minn parti waħda biss mill-miżżewġin, ikunu vestiti biss f ’dik il-parti li fil-fatt tkun qed teżerċita dak il-kummerċ, negozju jew professjoni anke fejn dawk l-atti kieku ma kenux magħmula in relazzjoni ma’ dik is-sengħa, negozju jew professjoni kienu jikkostitwixxu amministrazzjoni straordinarja.*"

L-ewwel punt li ghandu jigi ezaminat hu jekk il-garanzija hija nulla jew annullabbli. Fuq dan il-punt il-Qorti ma taqbilx mat-tezi tal-konvenuti billi **l-artikolu 1326** japplika ghall-garanzija. Garanzija tolqot kemm proprjeta’ immobiljarja, kif ukoll proprjeta’ mobbli, u dan peress li garanzija personali tfisser li d-debitur ikun dahal responsabbli ghad-dejn bil-gid kollu tieghu, prezenti u futuri, kemm mobbli kif ukoll immobbli. Ghalhekk l-att *semmai* hu impunjabbli - azzjoni li ma saret mill-ebda wahda mill-konsorti.

*Inoltre* il-gurisprudenza taghna tghallimna li att straordinarju ta' amministrazzjoni assunt minn wiehed mill-mizzewgin mhuwiex null imma *semmai,* jorbot l-assi parafernali tal-firmatarju minghajr ma jorbot l-assi tal-komunjoni. Il-hsieb wara dan ir-ragunament huwa li bl-ammendi tal-Att XXI tal-1993 il-mizzewgin it-tnejn kienu kapaci li jikkontrattaw u jgesitixxu l-beni taghhom fiz-zwieg mentri t-tezi tal-konvenuti jwassal

ghall-konkluzjoni illogika, fil-fehma tal-Qorti, li l-mizzewgin tilfu l-kapacita' taghhom li jikkontrattaw.

Darba li din il-Qorti kkonkludiet li l-att in kwistjoni hu regolat bl-artikolu 1324, irid issa jigi mistharreg jekk dak l-att kienx obbligu tal-komunjoni tal-akkwisti.

**L-artikolu 1324** tal-Kodici Civili jiddisponi li att li normalment hu meqjus bhala att ta’ amministrazzjoni straordinarju, jista’ jsir minn konsorti wiehed u jkun validu, jekk dak l-att ikun att normali ta’ gestjoni ta’ kummerc, negozju jew professjoni tal-konsorti li jkun agixxa minghajr il-permess tal-parti l-ohra.

Sebastian Dalli u Vincenzo Faniello kienu t-tnejn Diretturi tal-kumpanija debtirici. Dwar dan, din il-Qorti kif diversament presjeduta fis-sentenzi fuq citati kkonsidrat dan il-punt u kkonsidrat: "*Hekk ukoll, illum, in-negozju kollu kwazi jsir dejjem tramite kumpanija, u zgur li ftit issib kumpaniji li ma jkollhomx overdraft jew self ma’ Bank. Hi prassi normali li l-Bank ma jaghtix dawn il-facilitajiet lill-kumpanija jekk ma jkollux garanzija personali mill-persuni li jmexxu dik il-kumpanija; din l-ghoti ta’ garanzija personali hija att normali ghal dawk involuti fil-gestjoni ta’ kummerc jew negozju."* (Sentenzi tad-9 ta' Ottubru 2003 fil-kawzi fl-ismijiet "**Claudette Gauci vs Paolo Bonnici Limited, Chris Gauci, Wallace u Domenica konjugi Fino u Price Club Operators Limited",** u "**Angela Demarco vs David Demarco u Anthony Farrugia Company Limited u Wallace u Domenica Fino, u Chris u Claudette Gauci, u Price Club Operators Limited (il-konjugi Fino u Gauci u Price Club Operators Limited ghal kull interess li jista’ jkollhom)** PA(TM)**".**

F'dawn il-kawzi l-Qorti kkonsidrat li: "*kompriz fit-terminologija ta' att normali ta' gestjoni ta' negozju, wiehed ghandu jinkludi mhux biss l-atti gornalieri ta' kummerc, izda wkoll dawk l-attivitajiet li, ghalkemm ma jsirux fuq bazi regolari, huma pero' normali fil-kummerc u n-negozju. Il-Qorti tifhem li trid tinghata interpretazzjoni wiesa lil dak l-artikolu, biex jigi li jkopri kull tip ta' negozju, anke wiehed eccezzjonali, li wiehed jistenna li jsir minn min ikun f'dak in-negozju, kummerc jew professjoni. Il-ligi, fil-fatt, ma tuzax il-kelma "regolari" jew "ta' kuljum" ghall-eccezzjoni, izda att normali, u att ikun "normali" skont in-negozju u z-zmien li fih sar l-att.*" (ara giurisprudenza hemm citata).

Fil-kaz odjern, is-socjeta` konvenuta hadet finanzjament f' *overdraft* biex tkun tista' topera n-negozju taghha kif ukoll *loan* meta riedet tbiddel il-post tal-operat taghha. Kienet normali ghall-Bank li jitlob l-garanzji mid-Diretturi tal-kumpanija biex jaghmlu tajjeb ghall-hlas. Id-Diretturi accettaw il-garanziji minghajr oggezzjoni proprju ghaliex hija haga mistennija.

Dak il-ftehim, fiz-zewg istanzi allura, huwa att li, fic-cirkustanzi, ghandu jitqies normali *ai termini* tal-artikolu 1324 tal-Kodici Civili u, kwindi, validu avvolja ffirmat minn konsorti wiehed biss.

*Inoltre* l-garanzija torbot lill-assi tal-komunjoni u ma taqbilx mal-hsieb li anke li kieku l-att hemm impunjat kien jinkwadra ruhu bhala att normali ta' gestjoni ta' kummerc jew negozju, bl-ebda mod ma jaggrava l-komunjoni tal-akkwisti, liema linja ta' hsieb giet ippronunzjata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza *"Anthony sive Ninu Frendo vs Angelo Zahra pro et noe (Cit. 1379/97* deciza fil-31 ta' Jannar 2003. L-iskop tal-artikolu 1324 huwa biex johloq eccezzjoni ghar-regola generali tal-artikolu 1322 fir-rigward tal-atti normali ta' gestjoni ta' kummerc jew negozju altrimenti jkun superfluwu. Il-komunjoni tintrabat anke meta att straordinarju jsir minn konsorti

wiehed biss, basta li jkun att "normali" ta' gestjoni ta' kummerc. It-terz, allura, ma jkollux ghalfejn, kull darba, li jinnegozja ma konsorti jitlob li dan tal-ahhar igib il-parti l-ohra mieghu, ghax jaf li, bil-firma ta' parti wahda, xorta wahda jkun kopert.

F'dan il-kaz u bl-applikazzjoni tal-artikolu **1330 (b)** tal-Kap. 16, il-kredituri ma jistghux jinfurzaw it-talbiet taghhom *in subsidium* fuq il-beni parafernali tal-konsorti li ma tkunx iffirmat ghall-att, imma biss kontra l-beni parafernali tal-parti mizzewga li holqot id-dejn.

Dawn il-konsiderazzjonijiet gew studjati *in funditus* minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-On. Imhallef Dr. Tonio Mallia, fiz-zewg sentenzi fuq citati moghtija fid-9 ta' Ottubru 2003, fl-isfond ta' garanziji solidali moghtija unilateralment ghas-socjeta` Price Club Operators Limited. Din il-Qorti tikkondividi pjenament l-insenjament moghti f'dawk is-sentenzi u a skans ta' ripetizzjoni taghmel riferenza ampja ghall-motivazzjoni li kkonduciet lill-Qorti biex tasal ghad-decizjonijiet taghha.

Bhala konkluzjoni tqies li l-garanziji iffirmati minn Sebastian Dalli u minn Vicenzo Faniello huma obbligazzjonijiet validi skont il-ligi u, *inoltre*, jorbtu lill-komunjoni tal-akkwisti allura ezistenti bejn il-konjugi Dalli u Faniello rispettivament.

**Ghalhekk tichad din l-eccezzjoni sollevata mill-imsemmija konvenuti u intervenuta fil-kawza.**

**E. Ir-Raba' Eccezzjoni sollevata minn Sebastian Dalli u t-tieni eccezzjoni ta' Fabrizio Faniello.**

Il-konvenut eccepixxa li "*s-socjeta` bankarja attrici agixxiet bi pregudizzju u bi frodi tal-konvenut eccipjent billi estendiet il-facilitajiet koncessi a favur id-debitur principali meta kienet giet infurmata li kien hemm qbil bejn il-partijiet sabiex il-konvenut eccipjent johrog mis-socjeta` debitrici principali, kif fil-fatt huwa ghamel, u meta kienet diga` indikat il-kunsens taghha sabiex isiru l-proceduri necessarji sabiex il-konvenut eccipjent jigi Iiberat milI-effetti tal-garanzija invokata.* Dan hu bazikament riprodott minn **Fabrizio Faniello fit-tieni eccezzjoni tieghu** fejn eccepixxa li l-Bank estenda l-facilitajiet bankarji a favur s-socjeta' debitrici meta kienet konsapevoli u debitament infurmata li kien sar qbil bejn missieru u l-konvenuti l-ohra li missieru kellu jigi liberat minn kull garanzija li seta' kien hemm.

Minn ezami tal-provi ma jirrizultax li l-Bank estenda l-facilitajiet bankarji, u izjed precizament, ir-responsabbilta' tal-eccipjent Dalli filwaqt li f'Jannar 2000 dahal fi ftehim ta' self li ghaliha Vincenzo Faniello dahal bhala garanti solidali. Dan is-self sussegwenti ma jinteressax lill-Sebastian Dalli in kwantu li hu mhuwiex qed jigi ccitat f'din il-kawza in konnessjoni ma' dan is-self. Riferibbilment ghall-Vincenzo Faniello jirrizulta mill-provi li kien ghadu involut fil-kumpanija meta inghataw l-flus avvanzati u sahansitra iffirma skrittura ta' garanzija. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tifhem kif il-konvenuti jahsbu li ghandhom l-icken ragun biex iqajjmu din l-eccezzjoni.

*Inoltre* f'dak li jirrigwarda Vincenzo Faniello, hu stess ammetta li ma kienx avza lill-Bank li temm l-involviment mal-kumpanija, u lanqas jirrizulta li talab li jigi rilaxxjat mill-obbligi li kien assuma bl-istess garanzija.

Ma hemm l-ebda dubbju li Sebastian Dalli iffirma l-garanzija **DOK F**, u anke ammetta fix-xhieda tieghu li hu "*iffirma ghall-iskop tal-current account u qatt ma iffirma ghall-loan." Inoltre* jirrizulta li rrizenja mill-pozizzjoni tieghu ta' Direttur u esibixxa l-Form K relattiv.

Fid-dawl ta' dawn il-fatti ghalhekk, il-Qorti ma tistax tikkondividi t-tezi tal-konvenut Dalli li l-Bank agixxa frawdolentement fil-konfront tieghu billi ma kienx hemm estensjonijiet ta' facilitajiet bankarji li jirrigwardawh u lanqas ma ressaq l-icken prova ta' *dolo* kontra l-Bank jew ir-rapprezentanti tieghu.  L-ghemil doluz ma jistax jigi prezunt u jinkombi fuq l-intimat biex jippruvah fit-termini rikjesti mill-ligi, liema prova manifestament ma saritx.

Sebastian Dalli jargumenta li meta telaq lill-kumpanija, kellha assi bizzejjed biex taghmel tajjeb ghad-dejn favur il-Bank.  Izda hu pacifiku li kreditur, f'kaz ta' garanzija *in solidum* m'ghandux ghalfejn ifittex lid-debitur principali qabel ma jfittex lill-garanti. Hekk gie deciz mill-Qorti tal-Appell li rriteniet li "*il-garanti in solidum huwa fl-istess posizzjoni bhad-debitur. In fatti l-effetti ta' dan it-tip ta' garanzija, b'distinzjoni ghall-garanzija semplici, huwa li l-kreditur jista' jagixxi kontra l-garanti solidali direttament minghajr il htiega li qabel jagixxi kontra d-debitur principali*, *jew jirrikorri ghall-eskussjoni jew ghad-divizjoni tal-beni qabel ma jkun jista' jagixxi kontra l-garanti solidali*." (Qorti tal Appell Kumm. - "**Dr Henry sive Eric Mamo v Charles Psaila et."** - 19 ta' Mejju 1995). Certament il-fatt li l-Bank agixxa direttament kontra l-garanti, u b'hekk utilizza pjenament il-jeddijiet spettanti lilu bil-Ligi, ma jistax jigi kostruwit bhala att ta' *mala fede*. Anzi fil-kaz in ezami, jirrizulta mill-istess sottomissjonijiet tal-konvenut li l-Bank ipproceda kontra Patrick Delia u ottjena l-bejgh in subbasta tal-proprjeta` ipotekata fil-kuntratt ta' self u, fil-kawza odjerna, qed ifittex mhux biss lill-garanti, imma lid-debitur principali, u lill-garanti l-ohra.

Id-difensur ta' Sebastian Dalli issottometta wkoll li meta l-*overdraft* gie kkonvertit ghall-*loan* zgur ma baqax marbut bil-garanzija billi l-obbligazzjoni ta' l-*overdraft* giet estinta u maghha kull obbligazzjoni accessorja bhal ma hija garanzija. (Para.16 tan-nota ta' sottomissjonijiet a fol.380).

Huwa minnu li l-apertura ta' *overdraft facility* huwa distint minn facilita' ta' self. Kif jghid ***G.Ferri*** fil-ktieb "*Manuale di Diritto Commerciale*"[13]"*Oggetto del contratto non e' il-godimento di una somma ma il godimento di una disponibilita'.*" L-istess awtur Dr. Philip Farrugia Randon jghid "*Loan differs from an overdraft even in its very own regulation of payments. Once a loan is paid, it cannot be revived....Overdraft enjoys a continuity whereby the customer may withdraw and deposit up to an agreed debit limit.*"

Illi fil-fatt jinghad li n-novazzjoni hija deskritta mit-***Torrente*** b'dan il-mod:-

*"La novazione …..e' un contratto con il quale i soggetti di un rapporto obligatorio sostituiscono un nuovo rapporto a duello originario".*

Illi din in-novazzjoni tista' ssir *ai termini* tal-**artikolu 1179 tal-Kap 16** billi:-

*(a) "meta d-debitur jaghmel mal-kreditur tieghu dejn gdid, u dan jigi mqieghed flok il-qadim, li jispicca;*

[13] Citat mill-Av. Philip Farrugia Randon fil-volum numru 7 tas-serje "*The Word of the Court"(p.239)*

*(b) meta id-debitur il-gdid jigi mqieghed flok il-qadim, illi jigi mehlus mill-kreditur;*

*(c) meta, bis-sahha ta' obbligazzjoni gdida, kreditur gdid jigi mqieghed flok il-qadim, li lejh id-debitur jigi mehlus".*

Illi mill-artikoli sussegwenti ghall-istess jinghad ukoll li:-

**Artikolu 1180 (2) -** *"In novazzjoni ma hijiex prezunta; l-intenzjoni li ssir ghandha tidher bic-car".*

**Artikolu 1180 (1) -** *"Ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni qadima ma tigix maqtula, ghalkemm tigi mbiddla".*

Illi kif inghad fis-sentenza **"Anthony Galea vs Mario Hallett proprju *et nomine*"** (P.A. (RCP) 28 ta' Gunju 2001) in-novazzjoni ma tistax tigi prezunta, u dan ghaliex bazikament in-novazzjoni tikkostitwixxi rinunzja tad-drittijiet tal-kreditur ghall-obbligazzjoni ohra u *"il est de principe que les renonciations ne se presument pas"* ***(Carbonnier)*** tant li *"la volonta' di estinguere l'obligazione precedente (animus novandi), che puo' risultare come ogni dichiarazione di volonta', anche tacitamente, per facta concludentia".*

Minn ezami tad-dokumenti esebiti jirrizulta li l-Bank kreditur ghamel *call in* lid-debitur principali u lill-garanti tas-self u tal-*overdraft* fit-22 ta' Jannar 2001 (Dok JM4) u fil-20 ta' Jannar 2001 fetah kont imsejjah "*Business Loans"* fl-ammont passiv ta' - Lm27,789.20 (fol 18). Sad-data imsemmija

ta' Jannar 2001, l-*overdraft account* kien il-kont numru 1481414603-6 (*statements* esibiti a fol 164-178).

Il-Bank agixxa minhabba li rrizultalu li l-konvenut Delia kien informa lill-Bank li x-xoghol tal-kumpanija kien naqas, li s-sinjuri Faniello u Dalli kellhom problemi familjari u li s-Sur Faniello kien telaq minn Malta u halla x-xoghol wieqaf. (Ara xhieda ta' Jane Mifsud). Ukoll l-*accounts* tal-kumpanija ma gewx sottomessi (punt ikkorroborat minn Anataole Baldacchino) u ghalhekk il-Bank kellu jirrevedi l-pozizzjoni tieghu fir-rigward tal-facilitajiet bankarji moghtija lill-klijent.

Illi ma jirrizultax li bejn il-Bank u d-debitur principali gie negozjat xi kuntratt ta' self, jew li l-Bank kellu l-*animus novandi* jew anke l-intenzjoni li jirrilaxxja lill-garanti mir-responsabbiltajiet minnhom assunti. Xejn minn dan. Il-Bank agixxa billi waqqaf il-facilita' tal-*overdraft* u b'hekk temm id-disponibbilta' tal-fondi minhabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni tad-debitur principali, l-amministrazzjoni tal-kumpanija u s-sitwazzjoni li bdiet tizvolgi fir-relazzjonijiet bejn is-socji/diretturi.

In effett il-Bank agixxa semplicement biex itemm ir-relazzjoni ezistenti naxxenti mill-*credit facilities* moghtija lid-debitur principali u ma hemm xejn li jindika li l-Bank ried jidhol fi ftehim ta' self li jimporta kondizzjonijiet inkluz terminu ghall-hlas lura tal-ammont avvanzat, u kondizzjonijiet godda ta' garanzija.

Huwa tajjeb li din il-Qorti taghti harsa lejn it-termini tal-garanzija iffirmata mill-eccipjenti li huma identici.

L-iskritturi ta' garanzija jghidu hekk:

"1. *In consideration of your giving time credit and/or Banking facilities and accommodation to All Industrial Co. Ltd, (hereinafter referred to as 'the Principal')I/we the undersigned hereby jointly and severally with the Principal guarantee to you the payment of and undertake on demand in writing made on the undersigned by you or any of your officers to pay to you all sums of money which may now be or which hereafter may from time to time become due or owing to you anywhere, from or by the Principal either as principal or surety...upon current banking account, bills of exchange or promissory notes or upon loan or any other account whatsoever or for actual or contingent liability including all usual bank charges." (*enfasi tal-Qorti).

Jirrizulta li t-termini tal-garanzija huma wiesa' bizzejjed biex jinkorporaw kwalsiasi tip ta' dejn inkluz dak naxxenti minn *current banking account* jew li jkun dovut "*upon any loan or account whatsoever"* u li seta' kien dovut gja meta inghatat il-garanzija jew "*which hereafter may from time to time become due or owing"*. Dan certament ikopri l-kaz odjern fejn l-*overdraft* intemm u l-ammont shih gie reklamat mill-Bank.

**Ghal dawn il-motivi din l-eccezzjoni qed tigi michuda.**

**F. Il-Hames eccezzjoni tal-konvenut Sebastian Dalli, it-tielet eccezzjoni tal-konvenut Fabrizio Faniello, u t-tieni eccezzjoni tal-kuraturi Dr. Richard Sladden u PL Luisa Tufigno.**

Permezz ta' dawn l-eccezzjonijiet l-konvenuti qed jghidu li :

a) Il-Bank kreditur irid igib prova tal-ammonti avvanzati;

b) tar-rati ta' imghaxijiet imposti u kif inhaddmu

c) x'servizzi gew rezi lis-socjeta' konvenuta f'kaz li s-somma mitluba tikkoprendi *charges, ledger fees* jew kummissjonijiet.

**Prova tal-Kreditu**

Illi l-ammonti mitluba fic-citazzjoni flimkien mal-imghaxijiet gew debitament ikkonfermati bil-gurament mill-PL Joseph Zammit, ir-rapprezentant tal-Bank (fol 146) u sorretti b'diversi *statements* bankarji (**DOK B1-B4, C1-C2** u *statements* a fol 164 -178 minn fejn jirrizultaw l-ammonti dovuti bhala kapital, l-imghaxijiet debitati bir-rati relattivi, u spejjez ohra addebitati lill-kontijiet tal-kumpanija debitrici.

Il-korrettezza ta' dawn *l-istatements* ma gietx impunjata u lanqas sar accenn mill-accountant Anatole Baldacchino li seta' kien hemm xi zbalji fl-ammont mitlub. Il-Bank ilu mis-sena 2000 jitlob il-hlas tal-krediti dovuti b'diversi ittri, anke b'interpellazzjoni mir-*Recoveries Department.* Jirrizulta li ebda wiehed mill-konvenuti ma ilmentaw li l-ammonti indikati fl-i*statements* ma kienux dovuti, jew li r-rata ta' imghaxijiet kienet zbaljata u, jekk wiehed jifli l-eccezzjonijiet odjerni, lanqas qed jghidu hekk illum imma semplicement qed jghidu li l-Bank ghadu jezawrixxi l-piz ta' prova li jinkombi fuqu.

Din hija kwistjoni ta' apprezzament fattwali li trid taghmel din il-Qorti. Wara li rat id-dokumenti u provi prodotti, din il-Qorti tqies li l-Bank qeda' sew il-piz tal-prova tieghu bl-esebizzjoni tad-dokumenti imsemmija u bix-xhieda tar-rapprezentanti tieghu, u jekk l-konvenuti kellhom xi lanjanza dwar il-korrettezza tal-komputazzjonijiet, kien jispetta lilhom biex jippreçizaw fejn mhumiex qed jaqblu.

Riferibbilment ghas-servizzi rezi, din il-lanjanza hija vessatorja tenut kont l-amministrazzjoni involuta fl-operat ta' kont bankarju. Ma jirrizultax minn ezami tal-i*statements* esebiti li kien hemm xi *charges* straordinarji.

**Fid-dawl tal-premess din l-Eccezzjoni qed tigi michuda.**

**G. Is-Sitt, u s-seba' eccezzjonijiet ta' Sebastian Dalli, u r-raba' eccezzjoni ta' Fabrizio Faniello.**

Sintetikament il-konvenuti qed jeccepixxu li t-talbiet attrici jinkludu somom sostanzjali ta' imghax in eccess tal-limitu impost mil-ligi, kif wkoll imghax kompost fuq imghaxijiet ohra u *charges, ledger fees* u kommissjonijiet mhux dovuti u li dawn gew mizjuda "*b'qerq tad-dispozizzjonijiet relattivi ghall-anatocizmu u l-uzura latenti, u li ghaldaqstant ghandhom jinqatghu mill-kapital, flimkien ma' l-imghax kompost li rega' gie mizjud fuqhom, ai termini ta' l-artikolu 185(2) Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;"* (eccezzjoni ta' Sebastian Dalli).

Il-konvenut Sebastian Dalli eccepixxa in segwitu (is-seba' eccezzjoni) li: "*anke kieku stess din l-Onorabbli Qorti kellha tiddeciedi li kienet issehh konvenzjoni anatocistika valida bejn is-socjeta` bankarja attrici u s-*

*socjeta` konvenuta, bis-sahha ta' liema konvenzjoni anatocistika seta' jigi kapitalizzat l-imghax fl-overdraft account, zgur li qatt ma nghatu l-ebda kunsens posterjuri sabiex il-garanzija tkopri tali konvenzjoni anatocistika."*

Dawn iz-zewg eccezzjonijiet huma relatati u ser jigu trattati flimkien.

Illi l-gurisprudenza taghna taghmel distinzjoni bejn *overdraft facilities* u self f'dak li huma l-principji legali li jirregolaw il-komputazzjoni ta' imghaxijiet. Filwaqt li l-kapitalizzazzjoni tal-imghax hija permissibbli f'*overdraft accounts,* huwa illegali u sahansitra kontra l-ordni pubbliku, u kwindi mhux permissibbli, f'kaz ta' self.

Fil-kawza "**Oreste Brincat vs Rodrigo Crickus et."** (citazzjoni numru: 15/66 moghtija fit-8 ta' Marzu 1966, l-Imhallef M. Caruana Curran iddikjara li "*hu minnu li l-ligi fl-Artikolu 1184 Kodici Civili tghid li fejn l-obbligazzjoni tkun ta' natura kommercjali jew il-ligi stess tiddisponi li l-interessi ghandhom jibdew jiddekorru 'ipso jure', l-imghaxijiet jghaddu minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita, u li f'kull kaz iehor l-imghaxijiet jghaddu biss minn dakinhar illi ssir sejha ghall-hlas b'att gudizzjarju, ghalkemm fil-ftehim ikun gie stabbilit zmien ghall-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni.*

*Il-Qorti hi tal-fehma li f'kull apertura ta' kont kurrent mal-Banek lokali jsir tacitament bejn il-partijiet ftehim li f'kull okkazzjoni li l-klijent jibqa' skopert il-Bank jkollu dritt minnufih jesigi l-interessi fuq l-ammont skopert u jikkapitalizzahom. Huwa wisq car li kieku ma kienx hekk il-banek kollha immedjatament jiefqu joperaw kontijiet kurrenti mal-klijenti*

*taghhom, b'diskapitu serju tal-ekonomija u tas-sistema tal-kreditu tant essenzjali ghal pajjiz kollu.*

*Illi in difett ta' ligi specjali f'dawn il-Gzejjer in materja bankarja huwa necessarju li wiehed jirrikorri ghall-uzu kummercjali u specjalment ghall-uzu bankarju. L-uzu bankarju in kwistjoni f'dan il-kaz huwa simili ghal dak ta' banek esteri, jirrizulta mhux biss mix-xhieda tal-attur nomine, imma minn serje shieha ta' gurisprudenza ta' dawn il-Qrati fejn huwa rikonoxxut, u gej mit-tghallim ta' awturi bhal Pardessus (Diritto Mercantile, Vol. I, Parte III, Tit.III, fol. 724-726), Noblet (Des Comptes Courants) Lyon Caen, Giorgi, Laurent, u Endemann, citati fis-sentenzi awtorevoli ta' dawn il-Qrati pubblikati fil-Koll. Vol. XVIII,III,53; XXVI,III,633; XXVII,I,826 u XXXIII,II,64 din tal-ahhar pronunzjata mill-kompjant Mhallef Albert V. Camilleri, li juru sew id-distinzjoni bejn il-kont kurrent u l-mutwu u kif ilu zmien jipprevali fost il-Banek lokali u l-klienti taghhom l-uzu li fil-kuntratt ta' kont kurrent l-interessi jimmaturaw "pro jure" u jikkostitwixxu kapital gdid li fuqu jergghu jibdew jiddekorru l-interessi indipendentement mill-Art. 1185 tal-Kodici Civili dwar l-interessi komposti u mill-Art. 1945 tal-istess Kodici li, ghar-rigward tal-mutwu, jghid li l-interessi ma jghaddux jekk ma jkunux miftehma, salvi mbaghad d-danni moratorji, u dana peress li l-kuntratt ta' kont kurrent mhuwiex kuntratt ta' mutwu u li skeda intiera tal-versamenti ma tikkostitwix mutwu reunit, u ghalhekk ghal dan il-kont kurrent ma japplikawx d-dispozizzjonijiet tal-ligi dwar il-mutwu; u barra minn dan, kif gie ukoll ritenut fl-ahhar sentenza fuq imsemmija ghalkemm fil-ligi taghna l-kuntratt ta' kont kurrent gie inkorporat fill-Kodici tal-Kummerc, ma hemm xejn fil-ligi jew fl-uzi lokali li jimpedixxu li l-istess jigi kontrattat bejn persuni li mhumiex kummercjanti jew li wahda minnhom m'hiex kummercjant, u meta jigi hekk mghamul il-persuni li jidhlu fih huma jew mhumiex kummercjanti, huma prezenti li jridu jassoggettaw ruhhom ghal dawk l-uzi kummercjali, cioe`, ghal dak li jinteressa il-kaz prezenti d-*

*dekorribbilta` ‘ipso jure’ tal-interessi u z-zieda taghhom mill-kapital (anatocismu).*

*Illi l-uzu dwar ir-rata tal-interessi ezatta jew ahjar ezegibbli mill-Banek jista’ jvarja minn zmien ghal zmien skont il-prattika li huma jkunu qeghdin isegwu, basta li din tkun prattika generali u rikonoxxuta u accettata min-nies fil-pjazza lokali.....”*

Skont is-sentenza li nghatat fil-kawza "**Edwin Vassallo nomine vs Salvatore Balucci"** (Prim’Awla 30 ta’ April 1947) il-ftehim fir-rigward l-interessi hija kkunsidrata bhala wahda implicita u tacita f’*overdraft facilities* : wiehed jassumi li tezisti. Mhuwiex necessarju li l-ftehim fir-rigward l-interessi ikun wiehed bil-miktub jew espress. Il-bazi ta’ dan il-ftehim tacitu huwa l-qofol ta’ din il-facilita’ u uzanza.

Dawn il-principji gew akkolti fil-gurisprudenza taghna b'mod konsistenti. Fis-sentenza **“Bank of Valletta p.l.c. vs Alfred Dalli”** datata 28 ta’ Ottubru 1999 inghad is-segwenti:-

(1) Illi l-obbligazzjoni *“de quo”* ta’ *“overdraft facilities*”** hija obbligazzjoni ta’ natura kummercjali, u ghalhekk hija regolata skont l**-Artikolu 3 tal-Kap 17**, u ghalhekk regolata mill-Kodici Kummercjali, u fin-nuqqas ta’ dispozizzjonijiet *“ad hoc”* mill-uzu kummercjali, u fin-nuqqas ta’ dan l-uzu, tapplika l-ligi Civili.

(2) Illi ghalhekk, **l-Artikolu 1142 tal-Kap 16** japplika biss jekk fil-**Kap 17** ma hemmx disposizzjoni ***“ad hoc***” dwar l-istess imghax, u jekk m’hemmx uzu kummercjali li jirregola il-materja, *stante* li l-**Artikolu 3**

**tal-Kap 17** jistabbilixxi mhux biss l-emanazzjoni tal-Ligi Kummercjali, imma wkoll l-ordni li trid tigi segwita, cioe`, l-ewwel il-Kodici Kummercjali, imbaghad l-uzu kummercjali, u biss fin-nuqqas, il-Kodici Civili. (**"Dennis Degiorgio nomine vs Nobbli Guido Sant Fournier nomine" K. 1.10.1980.)**

(3) Illi stabbilit dan jirrizulta li dan il-punt ma huwiex trattat fil-Kodici Kummercjali, u ghalhekk wiehed irid jindaga jekk jezistix uzu kummercjali f'dan ir-rigward; u fil-fatt skont is-sentenzi nostrani ma hemmx dubju li tali uzu kummercjali jirrizulta sancit, stabbilit, rikonoxxut u segwit, tant li fil-kawza **"Dr. Joseph Agius M.D. nomine vs Dr. Carmel Agius et nomine"** (G.S. 20.3.1979) l-istess Qorti sostniet illi:-

*"Fil-gurisprudenza lokali din is-sistema ta' komputazzjoni (li l-imghaxijiet jigu mizjuda mal-kapital, fuq il-bilanc ta' kuljum, kull sitt xhur, u b'hekk l-imghaxijiet isiru jifformaw parti mill-kapital) giet accettata bhala li hi permessa u skont l-uzu, u b'hekk hija legali u hu utili li ssir riferenza ghas-sentenzi riportati fil-***Vol. XXVII.i.826; XXX.iii.483** *u ghas-sentenza deciza minn din il-Qorti fil-15 ta' Jannar 1979, fl-ismijiet* **"Cecil Busuttil vs Spiteri Debarro".**

Infatti fis-sentenza appena citata intqal li:-

*"Din is-sistema ta' komputazzjoni tal-imghaxijiet f'konti kurrenti (overdrafts) hi legali kif hafna drabi gie deciz mill-Qrati Taghna* **(Ara. Koll. Decizjonijiet XVIII.iii.53; XXVII.i.826; XXVIII.iii.910; XXX.iii.840)" (ukoll "John Scicluna vs Dr. Michele Tufigno et nomine"-K. 25.4.1940-XXX.480).**

Ineffetti a bazi tad-decizjoni "**Konkors tal-Kredituri numru 1/1984 ta' Anthony Debono nomine" (A.K. 29.4.1993.)** inghad illi *"skont il-gurisprudenza l-imghaxijiet li joriginaw minn kont kurrent, la darba jigu kapitalizzati skont kif trid il-ligi, dawn jitilfu in-natura taghhom ta' imghax u jikkostitwixxu kapital iehor gdid"* - kif hemm fis-sentenza tal-Qorti Civili Prim'Awla tat-30 ta' April 1947, fl-ismijiet **"Edwin Vassallo nomine vs Salvatore Ballucci (XXXIII.ii.64.** fuq citata**)".**

Illi dawn is-sentenzi gew segwiti mis-sentenzi aktar ricenti tal-Qrati Taghna, bhal **"Dr. Grazio Mercieca nomine vs Joseph Cassar nomine et"** (M. 6.10.1994); **"Dennis Degiorgio nomine vs Nobbli Guido Sant Fournier"** (J.A. 1.10.1980.); "**Paul Azzopardi nomine vs Guido Falzon et."** (A.K. 20.7.1994.) u **"Joseph Mary Farrugia vs Gontram Borg"** (A.K. 12.2.1988).

(4) Illi f'din l-ahhar sentenza intqal pero` li jekk il-bank iwaqqaf tali *overdraft facilities*, skont it-termini tal-kuntratt tieghu, u jaghmel ***"call in",*** u ma jhalliex lill-istess debitur jaghmel izjed uzu minn tali facilitajiet, l-istess bank ma ghandu ebda dritt li jaddebita lill-klijent (attur) bl-imghaxijiet komposti skont il-prattika bankarja, u dan a bazi tas-sentenzi gia citati "**Cecil Busuttil vs Alfred Spiteri Debarro"** u **"Dr. Joseph Agius M.D. vs Dr. Carmel Agius et"** u **"Paul Azzopardi vs Guido Falzon et"** (20.7.1994. A.K.) ghaliex mal-kjuzura tal-kont kurrenti (*overdraft*) l-imghax ghandu jigi ikkalkolat bis-sistema normali stabbilita fil-Kodici Civili.

Apprezzati dawn l-insenjamenti, din il-Qorti hi tal-fehma li kif jirrizulta mill-i*statements* relattivi esebiti mac-citazzjoni attrici, l-istess socjeta'

attrici *in linea* ta' massima segwiet il-principji fuq stabbiliti salv ghall-komputazzjoni tal-imghaxijiet fuq l-*overdraft* fid-data tal-*call in.* Ghalhekk ma tistax taqbel mal-Bank fejn issottometta li kkomputa l-imghax bil-mod semplici u mhux bil-mod kompost ghaliex dan ma jirrizultax mill-i*statement* esebit **DOK C2.**

Infatti skont dan id-dokument u **DOK C1** qablu, jirrizulta li l-Bank kien qed jaddebita l-imghaxijiet kull sitt xhur fuq il-kapital, u jikkapitalizza l-bilanc kollu bl-imghaxijiet maghduda.

Jekk il-Qorti taccetta dan l-istat ta' fatt tkun qed taccetta sitwazzjoni illegali u ghalhekk, is-sitt eccezzjoni ser tigi akkolta fil-limiti taghha.

***Call in Date***

Il-Qorti tikkonsidra l-20 ta' Jannar 2001 bhala l-*call in date* skont kif jirrizulta mill-ittra tal-istess data **DOK JM3**, f'liema data gie maghluq l-*overdraft account.* F'dik id-data l-ammont dovut fuq dan il-kont kien ta' -Lm27,789.20 (**DOK C1**) u ghalhekk l-imghaxijiet minn dik id-data kellhom jiddekorru kull sena u ma jizdiedux mal-kapital kull sitt xhur konformament mal-gurisprudenza fuq citata.

Bhala kapital dovut fuq l-*overdraft*, l-ammont dovut hu ta' Lm27,789.20 li mieghu ghandu jizdied l-ammont ta' self cioe` Lm6,011.12, b'kollox igib total ta' Lm33,800.32 u l-imghaxijiet jiddekorru annwalment minn dik id-data skont il-Ligi.

Il-principju ghandu jkun li f'kaz ta' self, l-imghaxijiet ghandhom dejjem jinhadmu bis-sistema li timponi l-ligi fil-Kodici Civili. F'kaz ta' self, ma jista' jkun hemm ebda prattika li jista' jkollha n-natura ta' *consuetudo abrogatoria*, u kwindi l-kont ghandu jinhadem b'sistema normali u, kif trid il-ligi, bil-hlasijiet akkont li jkunu addebitati, fl-ewwel lok, lill-imghax, u wara lill-kapital (**Artikolu 1169 tal**-Kodici Civili).

Illi ghalhekk din il-Qorti ser tilqa' is-sitt eccezzjoni fis-sens li tirreduci l-ammont dovut fl-ewwel talba attrici ghall-ewro tmienja u sebghin elf, seba' mija u tlieta u tletin ewro u sitta u hamsin centezmu (€78,733.56) pari ghal Lm33,800.32.

Illi *ai fini* **tas-seba' eccezzjoni** ta' Sebastian Dalli, jirrizulta li l-posizzjoni tieghu mhix mibdula b'dawn il-kostatazzjonijiet billi hu dahal garanti solidali sal-ammont ta' Lm25,000, liema ammont hu dovut skont il-Ligi.

Huwa minnu li *ai termini* tal-klawsola 3 tal-garanzija bankarja li ffirma seta' jittermina l-garanzija u l-ammont kopert bil-garanzija tieghu jkun dak l-ammont li jkun dovut wara l-iskadenza ta' tlett xhur minn meta l-Bank jircievi dan l-avviz piu' l-imghaijiet u spejjez li jigu addebitati ghall-perjodu ta' sitt xhur sussegwenti ghall-avviz. Izda l-avviz kellu jsir bil-miktub skont din l-istess klawsola - li ma saritx fil-kaz odjern.

Izda jigi notat li la Sebastian Dalli, u lanqas Vincenzo Faniello, ma segwew il-procedura pattwita sabiex itemmu l-obbligazzjonijiet taghhom. Fil-kaz ta' Sebastian Dalli, anke jekk din il-Qorti taccetta li l-garanzija intemmet b'semplici avviz bil-fomm, li zgur mhuwiex skont il-ftehim, jibqa' l-fatt li l-ewwel notament li ravvizat Jane Mifsud fil-*file* f'dan is-sens kien

datat is-6 ta' Novembru 1999. F'dik id-data l-*overdraft account* kien juri bilanc ta' Lm26,621.65[14].

Ghalhekk mhuwiex ta' konfort ghall-konvenut Dalli li hu informa lill-Bank li kien irrizenja minn Direttur ghaliex l-ammont dovut fuq l-*overdraft* f'dik id-data kien gja jeccedi s-somma garantita u llum hu qed jigi mfittex ghall-ammont shih tal-garanzija minghajr l-ebda eccess.

**Is-seba' eccezzjoni qed tigi michuda.**

**H. It-tmien eccezzjoni ta' Sebastian Dalli**

B'din l-ahhar eccezzjoni l-intimat eccepixxa li *"l-imghax legali ulterjuri ma jistax jintalab b'effett mill-1 ta' Ottubru* 2001 fuq l-imghax kapitalizzat f’dik id-data, billi tali imghax ma jkunx ilu dovut aktar minn sena, izda jista’ biss jintalab minn dakinhar tat-talba gudizzjarja ghaldaqshekk jew bi ftehim li jsir wara li jghalqu, basta li fil-kaz il-wiehed u l-iehor, l-imghaxijiet ikollhom jinghataw ghal zmien ta’ mhux inqas minn sena, *in vista* ta' l-artikoli 1142, 1850, u 1851(2) Kap.16, Ligijiet ta’ Malta. Din tirreferi ghat-tieni talba attrici diretta kontra l-konvenut Dalli.

Illi fejn id-dejn hu ta' natura kummercjali, kif hu l-kaz prezenti, d-danni ghall-morozita' jibdew jghoddu *ipso jure* (art.1141 Kap.16).

[14] Propjament l-ahhar *entry* hu datat it-3-11-1999 u a hemmx *entry* ghas- 6 ta' Novembru 1999. L-*entry* li jmiss hu datat l-1 ta' Dicembru 1999 fl-ammont ta' - Lm26,621.65 (fol 168)

Madanakollu anke fil-kaz ta' obbligazzjonijiet kummercjali **l-artikolu 1142,** tal-kap.16 jiddipsoni li: "*L-imgħaxijiet magħluqa jistgħu jagħtu mgħaxijiet oħra, sew bis-saħħa tad-disposizzjonijiet tal-artikoli ta' qabel dan, minn dak in-nhar tat-talba ġudizzjarja għaldaqshekk jew bi ftehim li jsir wara li jagħlqu, basta li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, l-imgħaxijiet ikollhom jingħataw għal żmien ta' mhux anqas minn sena."*

Ghalhekk il-Qorti taqbel li l-imghaxijiet ghandhom jibdew jghoddu fuq l-ahhar bilanc kapitalizzat fuq l-*overdraft* (Lm27,789.20 fid-data tal-*call in)* bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena, l-ewwel skadenza dovuta fl-20 ta' Jannar 2002 fil-kaz tal-*overdraft* u qed **tilqa'** din l-eccezzjoni f'dan is-sens.

## I. ECCEZZJONIJIET RIMANENTI TA' ANNA FANIELLO

L-intervenuta fil-kawza eccepiet ulterjorment li ma kenitx taf lil Anatole Baldacchino bhala stralcjarju tal-kumpanija debitrici u li la hi u lanqas zewgha, sa fejn kienet taf, ma kellhom l-ebda rabta kummercjali ma xi wiehed mill-kovenuti jew mal-Bank attur.

*Inoltre* talbet li tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Din il-Qorti ma tistax takkolji din l-ahhar talba, mhux biss ghaliex kienet l-istess konvenuta li interveniet fil-kawza, u ghalhekk, *ex admissis,* iddikjarat l-interess guridiku taghha f'din il-kawza, imma anke *ai termini* tal-konkluzjonijiet ta' din il-Qorti fir-rigward tal-validita' tal-garanziji ffirmati minn Vincenzo Faniello u l-effett fuq il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn l-eccipjenti u zewgha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **fil-kontumacja ta' Patrick Delia** tilqa' t-talbiet attrici skont kif hawn imfisser, u filwaqt **li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti ghajr ghas-sitt u tmien eccezzjonijiet tal-konvenut Sebastian Dalli u r-raba' eccezzjoni ta' Fabrizio Faniello *nomine*,** safejn huma kompatibbli ma' din is-sentenza, tiddisponi mit-talbiet attrici skont dan li gej:

1 **Tilqa'** l-ewwel talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' All Industrial Company Limited, Patrick Delia, u Vincenzo Faniello, ihallsu flimkien u "in solidum" bejniethom lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmienja u sebghin elf, seba' mija u tlieta u tletin ewro u sitta u hamsin centezmu (€78,733.56) pari ghall-tlieta u tletin elf, tmien mija u tnejn u tletin centezmu (Lm33,800.32) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" tas-socjeta' All Industrial Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "B1 sa B4", u "C1 sa C2") flimkien mal-imghax ulterjuri, l-ewwel skadenza dovuta fl-1 ta' Jannar 2002 sad-data ta' l-effettiv pagament; u

2. **Tilqa'** t-tieni talba attrici u tikkundanna lilSebastian Dalli jhallas flimkien u "in solidum" ma' All Industrial Company Limited, Patrick Delia u Vincenzo Faniello s-somma ta' tmienja u hamsin elf, mitejn u erbgha u tletin ewro u tlieta u tletin centezmu (€58,234.33) pari ghall-hamsa u ghoxrin elf Liri Maltin (Lm25,000) bhala garanzija ghad-debitu fil-"Loan Accounts" tas-socjeta' All Industrial Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "B1 sa B4", u "C1 sa C2") flimkien ma' l-imghax

ulterjuri, l-ewwel skadenza dovuta mill-1 ta' Jannar 2002 sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez jithallsu mill-konvenuti All Industrial Company Limited, Patrick Delia, Vincenzo Faniello u Sebastian Dalli *in solidum* bejniethom filwaqt li Anna Faniello tbati l-ispejjez taghha.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------